# TERMINI U KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI

BOV
Bank of Valletta

Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali
Bank of Valletta p.l.c.
BOV Centre, Triq il-Kanun,
Central Business District, Santa Venera CBD4030 – Malta
T: (356) 2131 2020
E: customercare@bov.com

## Skop

Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u Ftehim tfasslu biex ikopru r-relazzjoni bejn il-Bank of Valletta p.l.c. (imsejjaħ bħala "aħna" jew "BOV" jew il-"Bank") u l-klijent (imsejjaħ bħala "int" jew "utent").

Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA u hija liċenzjata biex toffri Servizzi bankarji u ta' investiment skont it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).

## 1 Werrej

# Contents

Skop ........ 2
1 Werrej ........ 2
2 Termini użati f'dan id-dokument ........ 4
3 Termini u kundizzjonijiet ġenerali għall-użu u l-aċċess għall-Mezzi tal-Bank ........ 7
3.1 Biex Tordna Flus Kontanti Barranin ........ 8
3.2 Ċekkijiet ........ 8
1. Biex tagħti Struzzjonijiet għal Stop Payment ........ 8
2. Biex tħassar Struzzjonijiet għal Stop Payment ........ 8
3. Biex titlob immaġnijiet taċ-ċekkijiet ........ 8
3.3 Biex Tikkanċella Struzzjonijiet/Ordnijiet ta' Ħlas ........ 8
3.4 Twaqqif ta' Kards ta' Debitu/Kreditu ........ 9
3.5 Biex toħloq ordni permanenti (standing order) ........ 9
3.6 Biex Timmaniġġja l-Utenti ........ 9
3.7 Rati tal-Kambju ........ 9
3.8 Kalkulatur tas-Self ........ 10
3.9 Biex Tissettja l-Limitu Minimu tal-Kont ........ 10
3.10 Biex Tibgħat Notifika ta' Depożitu ta' Karti tal-Flus ........ 10
3.11 Biex Tara l-Imgħax Dovut ........ 10
3.12 Biex Tara l-Immaġnijiet tar-Rendikonti Bankarji ........ 10
3.13 Rendikonti Bankarji ........ 10
3.14 Drittijiet tal-Awtur u Trademarks ........ 11
3.15 Ebda Offerta jew Parir ........ 11
3.16 Struzzjonijiet Oħra (inklużi Struzzjonijiet ta' Trasferiment lill-BOV Wealth Management) ........ 11
3.17 Tagħmir ........ 11
3.18 Termini Ġenerali ta' Ħlas ........ 11
3.18.1 Trasferiment ta' Fondi bejn Kontijiet proprji ........ 13

3.18.2 Faċilità għall-Ħlas ta' Kontijiet ....13
3.18.2.1 Ħlasijiet ta' Kontijiet f'Data Futura ....14
3.18.3 Ħlasijiet lil Partijiet Terzi ....14
3.18.3.2 Ħlas f'munita taż-ŻEE lil Bank barra miż-ŻEE ....14
3.18.3.3 Ħlasijiet fi kwalunkwe munita oħra (minbarra muniti tal-UE/taż-ŻEE) lil kwalunkwe Kont kull fejn jinżamm ....14
3.18.4 Mobile to Mobile Payments ....14
3.18.5 Top Up tal-Mobile ....15
3.18.6 Trasferimenti ta' Ħlas għal Trasferiment ta' Kreditu taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) (l-"Iskema") ....15
3.18.7 Bulk Payment – Batch Payment Files ta' Trasferimenti ta' Kreditu (CT) mtella' permezz tal-Internet Banking ....16
3.18.8 Debiti Diretti SEPA (Core) ....18
3.18.9 Fornitur Terz (TPP) ....18
3.19 Terminazzjoni ta' ftehim jew aċċess għall-mezzi ....19
3.20 Liġi li Tirregola ....20
3.21 Indennizz ....20
3.22 Kwalunkwe Struzzjoni lilna ....21
3.23 Avviż ta' Sigurtà ....21
4 Termini Ġenerali Applikabbli għall-Kontijiet Kollha ....22
Informazzjoni għall-Pagatur dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali: ....24
Informazzjoni għall-Benefiċjarju dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali: ....24
4.1 Termini Ġenerali Applikabbli għall-Kontijiet ta' Pagament ....24
4.1.1 Regoli applikabbli skont id-Direttiva Nru 19 tal-BĊM ....27
5 Terminazzjoni ta' Servizz ta' Ħlas ....27
6 Kunfidenzjalità u Protezzjoni tad-*Data* ....27
7 Miżati u Tariffi Bankarji ....27
8 Rati tal-Imgħax ....27
9 Rekords tal-Klijenti Aġġornati ....27
10 Komunikazzjonijiet ....28
11 Mezzi tal-Midja Soċjali ....29
12 Terminazzjoni min-naħa tal-Bank jew tal-Klijent ....29
13 Separazzjoni ....29
14 Rinunzja ....29
15 Ilmenti ....29
16 Skema ta' Kumpens lid-Depożitant ....30
17 Regolamenti dwar *Distance Selling* ....30
Għajnuna ....31

## 2 Termini użati f'dan id-dokument

| | |
|---|---|
| **Data ta' Aċċettazzjoni** | Id-data tat-twettiq mill-Oriġinatur tal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa minna dwar l-eżekuzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu inkluż iżda mhux limitat għas-sodisfazzjon tal-obbligi regolatorji u legali kollha, il-cut-off times, id-disponibbiltà ta' kopertura finanzjarja adegwata tal-Kont, u id-disponibbiltà tal-informazzjoni meħtieġa biex titwettaq l-Istruzzjoni. |
| **Kont, Kontijiet** | Kwalunkwe Kont miżmum minna f'ismek jew f'isem persuni jew entitajiet oħra konnessi miegħek, kif jistgħu javżawna dawn it-tali persuni u entitajiet minn żmien għal żmien. |
| **Detentur tal-Kont** | Il-persuna li isimha jinsab fuq il-Kont tal-Bank. |
| **Fornitur ta' Servizz ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet (AISP)** | Fornitur ta' servizz regolat li jgħin lill-klijenti jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-Kontijiet minn Bank. |
| **Bilanċ Attwali** | L-ammont ta' flus li jkun hemm fil-Kont fi kwalunkwe ħin partikolari. Mhux il-fondi kollha inklużi fil-Bilanċ Attwali jistgħu jkunu "disponibbli" biex jinġibdu jew biex jiġu ttrasferiti peress li dan il-bilanċ jista' jinkludi pereżempju tranżazzjonijiet li għadhom ma ġewx approvati mill-Bank. |
| **Formola ta' Applikazzjoni** | Formola ta' Applikazzjoni mimlija minnek stess fir-rigward ta' prodott jew servizz speċifiku. |
| **Bilanċ Disponibbli** | L-ammont ta' flus fil-Kont li jista' jintuża kollu mill-klijent jew mid-Detentur tal-Kont. Dawn il-fondi huma disponibbli għall-użu immedjat, u jinkludi depożiti, ġbid, trasferimenti, u kwalunkwe attività oħra li diġà ġiet approvata lejn jew mill-Kont. |
| **Kodiċi ta' Identifikazzjoni tal-Bank (BIC)** | Kodiċi ta' 8 jew 11-il karattru użat biex jidentifika istituzzjoni finanzjarja fi tranżazzjonijiet finanzjarji. |
| **Jum ta' Negozju għall-Banek** | Ġurnata meta l-Bank ikun miftuħ għan-negozju, esklużi l-Ħdud, il-Festi Pubbliċi u l-Btajjel Bankarji f'Malta u/jew fil-pajjiż tal-Bank Benefiċjarju. |
| **Benefiċjarju** | Il-persuna jew l-entità li tirċievi t-trasferiment tal-fondi. Din tkun l-entità jew il-korp fiżiku, ġuridiku, jew entità jew korp ieħor identifikat fl-Istruzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu li jirċievi l-fondi permezz ta' kreditu f'Kont miżmum mal-Bank Benefiċjarju. |
| **Bank Benefiċjarju** | Bank Benefiċjarju huwa Parteċipant fl-Iskema (Taqsima 3.18.6 Trasferimenti ta' Ħlas għal Trasferiment ta' Kreditu taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) (l-"Iskema")). Jirċievi Struzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu mingħandna, u jikkredita l-Kont tal-Benefiċjarju, skont l-informazzjoni pprovduta fl-Istruzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu u d-dispożizzjonijiet tal-Iskema kif stipulat fil-Ktieb tar-Regoli. |
| **Kredenzjali tal-Mezz tal-BOV** | BOV Securekey, BOV Securekey Plus, Security Number/s, BOV Securekey PIN, BOV Mobile Application, BOV Mobile Authentication Software, BOV Mobile PIN. |

| | |
|---|---|
| **BOV Securekey, BOV SecurekeyPlus, BOV Mobile Authentication Software, Hardware Token** | Apparat tal-hardware jew tas-software li jippermettu l-aċċess u l-użu sigur tal-BOV Internet u tal-Mobile Banking. |
| **Mezzi** | Il-Mezzi alternattivi tas-servizz tagħna jinkludu l-Internet Banking, il-Mobile Banking, it-Telephone Banking, u ċ-Ċentru ta' Servizz għall-Klijenti. |
| **Struzzjonijiet għall-Iċċarġjar** | Kull parti fit-tranżazzjoni tiġi ċċarġjata separatament mill-Banek rispettivi tagħhom. Il-prinċipju ta' kondiviżjoni (SHA) ifisser li l-Oriġinatur u l-Benefiċjarju jiġu ċċarġjati separatament u individwalment mill-Bank Oriġinatur u mill-Bank Benefiċjarju rispettivament. Il-bażi u l-livell tal-ħlasijiet lill-klijenti huma kompletament f'idejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. |
| **Servizzi ta' Konverżjoni** | Servizzi li jiffaċilitaw il-bidla għas-SEPA sabiex fajls ta' ħlas ta' kreditu dirett ikunu jistgħu jiġu kkonvertiti mill-format mibgħut lill-Bank għall-ipproċessar għall-format tas-SEPA. |
| **Cut-off Time** | Iż-żmien sa meta l-Oriġinatur għandu jagħtina l-informazzjoni kollha meħtieġa u l-evidenza meħtieġa minna, u għandu jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti minna, biex l-Istruzzjoni titqies bħala li ġiet aċċettata minna fid-Data ta' Aċċettazzjoni. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-Cut-off Time għandu jkun fis-1400 (CET), mit-Tnejn sal-Ġimgħa esklużi l-btajjel pubbliċi u bankarji. Il-Cut-off Times għall-Ħlasijiet fl-euro ta' prijorità għandhom ikunu l-1630 (CET). |
| **Kont Aggregat Deżinjat** | Kont tal-Klijenti miżmum mal-Bank minn Fiduċjarju għall-iskop li jżomm flus li jappartjenu<br>lil klijent imsemmi tal-Fiduċjarju u li jinkludi fit-titolu tiegħu referenza għall-identità tal-klijent. |
| **Debitu Dirett** | Ħlas mill-Kont Bankarju, magħmul minnek jew minn parti terza li tirċievi l-flus.<br>Id-Debiti Diretti normalment jintużaw għal ħlasijiet regolari, bħal ħlasijiet lura ta' self, u kontijiet ta' utilità. |
| **Mezz Durabbli** | Ħażna mhux mibdula ta' informazzjoni għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni. |
| **Data tal-Eżekuzzjoni** | Din id-data tikkorrispondi mad-data tad-debitu mitluba minnek. Jekk id-data mitluba ma tkunx Jum ta' Negozju għall-Banek, aħna se nwettqu l-ordni ta' ħlas mhux aktar tard mill-ewwel Jum ta' Negozju għall-Banek ta' wara. |
| **Ħin tal-Eżekuzzjoni** | In-numru ta' jiem li jgħaddu mid-Data ta' Aċċettazzjoni sad-data li l-Kont tal-Benefiċjarju jiġi kkreditat. |
| **Fiduċjarju (Prattikant)** | Persuna fiżika jew ġuridika soġġetta għal obbligi Fiduċjarji skont il-liġi pereżempju:<br>Awdituri, Accountants esterni u konsulenti tat-taxxa;<br>Aġenti tal-proprjetà immobbli;<br>Nutara u professjonisti legali indipendenti oħra;<br>Fornituri ta' servizzi ta' kumpanija;<br>Trustees, kumpaniji nominee li għandhom warrant maħruġ mill-MFSA;<br>Liċenzji tal-Gaming;<br>Banek;<br>Fornituri ta' servizzi tal-assigurazzjoni liċenzjati taħt l-Att dwar in-Kummerċ tal-Assigurazzjoni; |

| | |
|---|---|
| | Fornituri ta' servizzi tal-investiment liċenzjati taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment; |
| **Struzzjoni, Struzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu** | Informazzjoni mibgħuta mill-Oriġinatur lill-Benefiċjarju. |
| **Saldu Interbankarju** | Saldu ta' Kontijiet bejnna u bejn il-Bank Benefiċjarju permezz tal-użu ta' Mekkaniżmi ta' Kklerjar u Saldu. |
| **Imgħax** | L-Imgħax imħallas jew riċevut fuq Kont. |
| **Struzzjonijiet dwar l-Imgħax** | Struzzjonijiet dwar il-ħlas tal-Imgħax mogħtija mid-Detentur tal-Kont lill-Bank. L-imgħax jista' jkun:<br>depożitat f'Kont tat-tfaddil jew f'Kont kurrenti miżmum mal-Bank fl-istess munita tal-Kont jew<br>miżjud mal-kapital eżistenti tal-Kont. |
| **Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN)** | Numru użat internazzjonalment biex jidentifika b'mod uniku l-Kont ta' klijent f'istituzzjoni<br>finanzjarja. |
| **Minorenni** | Tifel jew tifla taħt is-sittax-il (16) sena li ismu jidher fuq id-deżinjazzjoni tal-Kont miftuħ mid-Detentur tal-Kont. Fir-rigward tal-Young Savers Account, jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjoni mniżżla fit-"Termini u Kundizzjonijiet Speċifiċi tal-BOV Young Savers Account (€)"fit-taqsima "Termini użati f'dan id-dokument". |
| **Mhux STP** | Jekk il-ħlas riċevut jirrikjedi intervent manwali mill-Bank (eż. fejn il-Bank ikun ġie pprovdut b'BIC/IBAN invalidu), dan jitqies bħala pagament Mhux bl-Ipproċessar Dirett. Il-ħinijiet tal-uffiċċju għandhom ikunu mit-0800 sas-1400 f'Jum ta' Negozju għall-Banek. |
| **Oriġinatur** | Il-klijent li jibda trasferiment ta' kreditu billi jipprovdi lill-Bank Oriġinatur, bi Struzzjoni. |
| **Bank Oriġinatur** | Bank li huwa Parteċipant fl-Iskema, u li jirċievi Struzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu mill-Oriġinatur u jaġixxi fuq it-Trasferiment ta' Kreditu. |
| **Referenza tal-Oriġinatur** | Numru ta' referenza użat biex jiġi identifikat klijent. |
| **Benefiċjarju** | Il-persuna jew l-entità li tirċievi ħlas mibgħut minn Pagatur. |
| **Pagatur** | Individwu jew entità li tibgħat ħlas lil Benefiċjarju. |
| **Kont ta' Pagament** | Kont miżmum f'isem utent wieħed jew aktar ta' servizzi ta' ħlas li jintuża għall-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas. |
| **Fornitur ta' Servizzi ta' Bidu ta' Pagament (PISP)** | Il-PISPs jippermettu li l-pagamenti jinbdew direttament mill-Kont Bankarju ta' klijent minflok ma tintuża karta ta' kreditu jew ta' debitu. |
| **Struzzjonijiet ta' Ħlas** | Struzzjoni minn pagatur jew benefiċjarju lill-fornitur ta' servizzi ta' pagament tiegħu biex jitlob l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni ta' ħlas. |
| **Servizz ta' Ħlas** | Servizz ta' depożitu jew ta' ġbid ta' fondi f'format fiżiku jew diġitali. |
| **Fornitur ta' Servizzi ta' Pagament** | Kumpanija ta' parti terza li tassisti lill-Benefiċjarji u lill-Pagaturi jagħmlu pagamenti online. |
| **Kont Aggregat** | Kont miżmum mal-Bank minn Fiduċjarju għall-iskop li jżomm flus tal-klijenti, segregati mill-fondi proprji. |
| **Trasferiment ta' Kreditu 'l Barra ta'** | Struzzjoni minn Pagatur li qed tintbagħat b'urġenza. |

| | |
|---|---|
| **Prijorità** | |
| **Ħin Reali** | Ipproċessar immedjat. |
| **Rifjut/Rifjutat** | Rifjut iseħħ meta trasferiment ta' kreditu jew ħlas ma jiġix aċċettat għal eżekuzzjoni normali qabel is-Saldu Interbankarju (jiġifieri saldu bejnna u l-Bank Benefiċjarju). |
| **Ritorn** | Ritorn iseħħ meta trasferiment ta' kreditu jiġi devjat mill-eżekuzzjoni normali u għalhekk jerġa' lura lill-Bank tal-Oriġinatur. |
| **Struzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu tas-SEPA** | Struzzjoni mogħtija mill-Oriġinatur lill-Bank tiegħu/tagħha li titlob l-eżekuzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu tas-SEPA. L-Istruzzjoni għandha tkun fil-forma u jkun fiha l-informazzjoni kollha kif mitluba minna, skont id-dispożizzjonijiet tal-Ktieb tar-Regoli, inkluż, iżda mhux limitat għall-IBAN tal-Oriġinatur u tal-Benefiċjarju. |
| **Ktieb tar-Regoli tal-Iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu tas-SEPA / Ktieb tar-Regoli** | Il-Ktieb tar-Regoli maħruġ mill-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti (EPC) fir-rigward tal-Iskema. Il-Ktieb tar-Regoli huwa emendat minn żmien għal żmien u huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti: www.europeanpaymentscouncil.eu. |
| **SWIFT** | Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija li huwa servizz dinji ta' messaġġi dwar pagamenti. |
| **Tariff of Charges** | It-Tariff of Charges tal-Bank telenka tariffi u ħlasijiet relatati ma' prodotti u servizzi tal-BOV. Din tinħareġ mill-Bank minn żmien għal żmien u tista' tinkiseb mill-Fergħat tal-BOV, mis-sit web tal-Bank https://www.bov.com/tariff-charges-and-fids jew billi ċċempel liċ-Ċentru ta' Servizz għall-Klijenti tal-Bank fuq (+356) 2131 2020. |
| **L-Iskema** | Trasferimenti ta' Ħlas għal Trasferiment ta' Kreditu taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA). |
| **Fornitur Terz (TPP)** | Fornituri ta' servizz liċenzjati biex jimmaniġġjaw il-Kontijiet u l-informazzjoni tiegħek bil-kunsens tiegħek. |
| **Faċilità ta' Top up** | Is-servizz jippermetti lill-klijenti li jżidu l-kreditu fuq numru mħallas minn qabel maħruġ minn fornitur lokali tat-telekomunikazzjoni. |
| **Kont Aggregat Mhux Deżinjat (Kont tal-Klijenti Ġenerali)** | Kont miżmum mal-Bank minn Fiduċjarju għall-iskop li jżomm flus li jappartjenu lil xi klijent/i tal-Fiduċjarju u li ma jinkludix fit-titolu tiegħu referenza għall-identità ta' xi klijent imsemmi. |
| **ID tal-Utent** | In-numru jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni li nagħtuk biex tuża l-Mezzi tagħna. |
| **Aħna, tagħna, Bank** | Din tirreferi għall-Bank of Valletta p.l.c. (C2833) u għal kull waħda mis-sussidjarji tiegħu u kumpaniji assoċjati rreġistrati fuq 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta, VLT1130, Malta. |
| **Inti, tiegħek** | Kwalunkwe persuna, sew jekk ġuridika jew fiżika, li tuża l-mezzi, il-prodotti jew is-servizzi tal-Bank. |

## 3 Termini u kundizzjonijiet ġenerali għall-użu u l-aċċess għall-Mezzi tal-Bank

Din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet (flimkien il-"Ftehim") jirregolaw l-użu tiegħek tal-Mezzi. Billi tuża l-Mezzi, inti taqbel li tkun marbut bihom. F'dan ir-rigward, taqbel li tagħmel użu xieraq mill-Mezzi u minn kull funzjoni tal-Mezzi. Barra minn hekk, kull funzjoni tal-Mezzi tista' tkun soġġetta għal termini u kundizzjonijiet

speċifiċi u billi tuża l-funzjonalità relattiva taqbel li tkun marbut bihom. It-termini u kundizzjonijiet speċifiċi huma disponibbli fuq il-website tal-Bank fuq https://www.bov.com/terms-and-conditions

Il-Mezzi Alternattivi għat-Twassil tas-Servizz huma għall-użu biss tal-klijenti awtorizzati tal-Bank of Valletta p.l.c. L-attivitajiet kollha huma mmonitorjati u rreġistrati. L-użu mhux awtorizzat ta' xi wieħed mill-Mezzi Alternattivi għat-Twassil tas-Servizz jista' jwassal għal azzjoni legali li tittieħed mill-Bank.

Barra minn hekk, sakemm ma tkunx innotifikat mod ieħor minn żmien għal żmien, it-tranżazzjonijiet finanzjarji huma soġġetti għal limiti kif identifikati fuq https://www.bov.com/bov-digital-banking-limits skont il-Mezz li jkunu nbdew minnu.

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, l-użu tal-Mezzi jeħtieġ li inti jkollok Kont magħna u li tkun dħalt fi ftehim magħna għall-użu tal-Mezzi bis-saħħa ta' applikazzjoni u l-aċċettazzjoni tagħha minna. Fejn applikabbli inti tiġi ddebitat tariffi skont it-Tariffa ta' Imposti tal-Bank, relatati mal-abbonament, il-Hardware Token u/jew il-BOV Mobile Authentication Software, tariffi tas-servizz, kummissjonijiet u ħlasijiet relatati ma' kwalunkwe tranżazzjoni mhux finanzjarja. Fejn applikabbli għal offerti ta' pakketti speċifiċi, inti mitlub li taħtar Amministratur tas-Sistema u utenti oħra. Għal aktar informazzjoni rreferi għat-taqsima 3.6 Biex Timmaniġġja l-Utenti.

## 3.1 Biex Tordna Flus Kontanti Barranin

Fi tmiem din it-tranżazzjoni online, tkun infurmat bid-data meta tista' tiġbor il-flus kontanti barranin. Dan mhux se jaqbeż it-3 Ijiem ta' Negozju għall-Banek mid-data tal-ordni. Jekk il-flus kontanti barranin ma jkunux disponibbli, inti tiġi mgħarraf fil-jum tax-xogħol li jmiss mid-data tal-Istruzzjonijiet tiegħek.

## 3.2 Ċekkijiet

1. **Biex tagħti Struzzjonijiet għal Stop Payment**

   L-Istruzzjonijiet għal Stop Payment jistgħu jingħataw biss jekk ċekk jintilef jew jinsteraq. Inti tifhem li l-Istruzzjonijiet għal stop payment tiegħek mhu se jkollhom l-ebda effett u se jitqiesu bħala nulli u bla effett jekk iċ-ċekk ikun tħallas qabel ma l-Bank jirċievi l-Istruzzjonijiet għal stop payment. Dan jinkludi l-perjodu bejn id-data tar-rendikont bankarju u d-data tal-Istruzzjonijiet għal stop payment. Inti tobbliga ruħek li tagħti indennizz lill-Bank u li tiggarantixxi li l-Bank ma jsirulux danni minħabba kwalunkwe u kull spejjeż, ħlasijiet, danni, telf, kawżi u proċedimenti li jista' jġarrab jew isofri minħabba li inti twaqqaf il-ħlas taċ-ċekk. Inti tobbliga ruħek li tinforma lill-Bank jekk iċ-ċekk jiġi rkuprat.
2. **Biex tħassar Struzzjonijiet għal Stop Payment**

   Inti qed tagħtina struzzjonijiet u tawtorizzana biex nieħdu l-miżuri meħtieġa biex nikkanċellaw l-Istruzzjonijiet għal stop payment mogħtija minnek lilna.
3. **Biex titlob immaġnijiet taċ-ċekkijiet**

   L-immaġnijiet taċ-ċekkijiet imsarrfa huma disponibbli għal perjodu ta' ħames (5) snin. L-immaġnijiet jistgħu jinkludu ċekkijiet li l-Bank seta' rritorna mhux imsarrfa. Xi ċekkijiet imsarrfa jistgħu ma jkunux disponibbli biex tarahom b'mod immedjat.

## 3.3 Biex Tikkanċella Struzzjonijiet/Ordnijiet ta' Ħlas

Ma nistgħux nikkanċellaw ħlasijiet li jkunu qegħdin jiġu proċessati dak il-ħin stess.. Tista' tikkanċella kwalunkwe ħlas li tlabtna nagħmlu f'data futura sakemm tavżana sas-1300 (CET) tal-Jum ta' Negozju għall-Banek qabel ma l-ħlas kien dovut li jsir.

Jekk titlobna nikkanċellaw Struzzjoni/ordni ta' ħlas, nistgħu niċċarġjawk l-ispejjeż tagħna, inkluż kwalunkwe telf li l-Bank jista' jġarrab minħabba kwalunkwe bidla li setgħet seħħet fir-rata tal-kambju mill-ħin/mid-data tal-ordni, skont it-Tariff

of Charges tal-Bank. Jista' jkun hemm ukoll miżati tal-Bank terz, f'liema każ, dawn jiġu ċċarġjati wkoll minna.

Fejn tagħti d-dettalji tal-kard ta' debitu tiegħek għal ħlas li għandu jsir f'data futura (pereżempju, meta l-oġġetti li tkun ordnajt fil-fatt jintbagħtu jew fejn inti tagħmel ħlas regolari ta' kont) ma tistax titlobna nwaqqfu l-ħlas. Minflok għandek tkellem lill-Benefiċjarju li inti ftehemt miegħu li tħallsu.

Il-kanċellazzjoni ta' Struzzjoni ta' Ħlas (anke jekk ma tirnexxix) tista' tirriżulta fi ħlasijiet skont it-Tariff of Charges tal-Bank u miżati addizzjonali tal-Bank terz li se jitħallsu minnek.

## 3.4 Twaqqif ta' Kards ta' Debitu/Kreditu

Twaqqif ta' Kard ta' Debitu jew ta' Kreditu huwa wkoll soġġett għall-Kundizzjonijiet tal-Użu li jirregolaw il-kard relattiva li jinsabu fuq https://www.bov.com/terms-and-conditions

## 3.5 Biex toħloq ordni permanenti (standing order)

Kwalunkwe struzzjoni li ssirilna għal standing order tibqa' valida sakemm tagħmel struzzjonijiet ġodda biex tikkanċella l-istanding order. Standing orders ma jistgħux jiġu kkanċellati fid-data li għandhom jitħallsu, jew matul il-Jumejn ta' Negozju għall-Banek wara d-data dovuta.

Jekk il-Kont ma jkunx fih biżżejjed fondi disponibbli biex isiru żewġ (2) ħlasijiet konsekuttivi, l-istanding order tiegħek tista' tiġi kkanċellata. Inti taqbel li tħallas it-tariffi relatati mal-ipproċessar u miżati oħra għal fondi insuffiċjenti skont it-Tariff of Charges tal-Bank. It-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-kards ta' kreditu japplikaw fejn standing order tintuża biex isir ħlas f'Kont ta' kard ta' kreditu.

## 3.6 Biex Timmaniġġja l-Utenti

L-Amministratur tas-Sistema (inkluż il-Bank meta jinħatar bħala Amministratur tas-Sistema) ta' abbonati għal offerti ta' pakketti speċifiċi li jippermettu l-ħatra ta' utenti oħra, għandu jkollu d-dritt li jaħtar utenti oħra tal-Mezzi skont ir-riżoluzzjoni relevanti tal-bord jew dokument simili. Barra minn hekk, l-Amministratur tas-Sistema għandu jkollu d-dritt li jillimita l-aċċess tal-utenti għall-Mezzi għal funzjonalità waħda jew aktar.

L-abbonati għall-Mezzi li jieħdu offerti ta' pakketti speċifiċi jirrikonoxxu li utenti oħra maħtura mill-Amministratur tas-Sistema li jipprovdu n-Numru/i ta' Sigurtà għandhom dejjem ikunu intitolati li jużaw il-Mezzi, minkejja li l-Bank ma kienx ġie nnotifikat b'dan separatament. Barra minn hekk, inti tifhem u taċċetta li l-abbonati għall-Mezzi li jieħdu tali offerti ta' pakketti speċifiċi huma responsabbli għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mill-persuna li tipprovdi l-kodiċi ġġenerat minn Hardware Token jew BOV Mobile Authentication Software.

## 3.7 Rati tal-Kambju

Ir-rati tal-kambju tal-Bank huma bbażati fuq ir-rati tas-suq, li jistgħu jinkisbu minn siti web disponibbli pubblikament, biż-żieda ta' marġni. Dawn ir-rati jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe ħin u kull bidla se tidħol fis-seħħ immedjatament u mingħajr avviż. Jekk titlob trasferiment li jeħtieġ kambju tal-munita, aħna nipprovdulek ir-rata tal-kambju li se tintuża u jkollok l-opportunità li tirrifjuta r-rata qabel ma tikkonferma t-trasferiment. Jekk qed tirċievi qligħ li jeħtieġ kambju tal-munita, ir-rata tal-kambju tal-Bank se tapplika fiż-żmien meta t-trasferiment jiġi pproċessat mill-Bank. Ir-rati tal-kambju kurrenti huma disponibbli fi kwalunkwe fergħa tal-Bank, fuq is-sit web tal-Bank https://www.bov.com/bov-exchange-rates jew billi ċċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq (356) 2131 2020.
Ir-rata tal-kambju pprovduta fuq il-Mezzi hija indikattiva biss u tista' tinbidel minn żmien għal żmien. Il-Bank jirriserva d-dritt li jissospendi l-funzjonalità tar-rati tal-kambju jekk ikun hemm raġunijiet validi, inkluż iżda mhux limitat għal waqt suq volatili.

## 3.8 Kalkulatur tas-Self

Il-kalkulatur tas-self jagħtik biss ammonti ta' ħlas lura indikattivi. L-ammonti ta' ħlas lura attwali jistgħu jvarjaw minħabba bidliet fir-Rati tal-imgħax, fil-perjodi ta' ħlas lura u f'ċirkostanzi oħra. Għal ammonti ta' ħlas lura dettaljati, żur Fergħa tal-BOV. Tista' titlob appuntament ma' speċjalista tas-self permezz ta' https://www.bov.com/request-appointment

## 3.9 Biex Tissettja l-Limitu Minimu tal-Kont

Il-Bank se jiċċekkja jekk il-bilanċ fuq il-Kont tiegħek huwiex inqas minn dak stabbilit bħala Twissija ta' Limitu Minimu. Il-kontroll se jsir fuq bażi ta' kuljum bejn it-0300 u l-1200 (CET). Jekk dan ikun il-każ, se jintbagħat messaġġ lill-BOV Services Mailbox tiegħek.

## 3.10 Biex Tibgħat Notifika ta' Depożitu ta' Karti tal-Flus

Din il-funzjoni hija biss notifika lill-Bank. Hija r-responsabbiltà tal-utent li jgħaddi d-depożiti ta' flus kontanti fl-euro flimkien man-notifika tal-kodiċi QR lill-Bank.
Id-depożitu tal-karti tal-euro flimkien man-notifika tal-kodiċi QR għandhom jitqiegħdu fil-Borża/boroż tal-plastik tas-sigurtà u jintbagħtu lill-Bank.
Din in-notifika tista' ssir permezz tal-Internet Banking. Id-depożiti mqiegħda fin-night safe hatch jistgħu jiġu depożitati f'kull ħin, madankollu l-ġbir ta' dawn id-depożiti se jsir fil-ħinijiet tal-uffiċċju. Il-ġbir ta' Bulk Deposits minn kurrieri jsir skont il-ftehim mal-kurrier rispettiv.

## 3.11 Biex Tara l-Imgħax Dovut

Dan huwa disponibbli fuq il-pjattaformi tal-Internet Banking u tal-Mobile Banking skont il-Kont magħżul u fejn applikabbli. L-Imgħax Dovut jinkludi l-Final Witholding Tax.

## 3.12 Biex Tara l-Immaġnijiet tar-Rendikonti Bankarji

L-immaġnijiet tar-rendikonti bankarji huma disponibbli mill-10 ta' Settembru 2001. L-immaġnijiet tar-rendikonti bankarji għall-Kontijiet tan-Negozjanti huma disponibbli mill-1 ta' Novembru 2003.

## 3.13 Rendikonti Bankarji

Ir-rendikonti tal-kontijiet bankarji jintbagħtu elettronikament lill-abbonati tal-BOV Internet Banking. Fid-data li jmiss għar-rendikont bankarju, inti se tirċievi messaġġ permezz tal-Internet Banking Mailbox tiegħek li jinfurmak li r-rendikont bankarju tiegħek huwa disponibbli online.

Aħna mhu se nibagħtu l-ebda avviż ta' debitu/kreditu f'format stampat, madankollu, inti tista' tistampa r-rendikonti bankarji permezz tal-għażla tal-istampar tal-BOV Internet Banking. Jekk tixtieq tirċievi rendikont bankarju bil-posta, għandek tinforma lill-Fergħa tal-BOV tiegħek jew tibgħatilna l-Istruzzjonijiet tiegħek permezz tal-Internet Banking. Il-ħruġ ta' rendikonti bankarji stampati jġib miegħu ħlas għall-abbonati tal-Mezz skont it-Tariff of Charges tal-Bank li tista' tiġi aġġornata minn żmien għal żmien.

Jekk teħtieġ dettalji ta' tranżazzjoni partikolari u prova ta' ħlas, aħna se nibagħtu dan bil-posta mingħajr ħlas jekk iżżur il-Fergħa tal-BOV tiegħek. Tista' wkoll titlob rendikonti bankarji addizzjonali jew aktar minn kopja waħda ta' rendikont bankarju bi ħlas, skont it-Tariff of Charges.

Jekk jogħġbok innota li l-għan tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet individwali tal-ħlas huwa primarjament biex jippermettilek tidentifika t-tranżazzjonijiet fuq il-Kont tiegħek. Fejn tranżazzjoni hija deskritta bħala "**Cash**", din tista' tirreferi għal ġbid ta' flus kontanti kif ukoll għal tranżazzjonijiet oħra mwettqa b'tali ġbid bħall-ftuħ ta' kwalunkwe Kont

jew it-trasferiment ta' fondi mill-Kont għal kwalunkwe Kont ieħor.

### 3.14 Drittijiet tal-Awtur u Trademarks

Il-mezzi huma għal użu personali biss u ma tistax tniżżel, tikkopja, tittrażmetti, tikkonverti, tittraskrivi, tiddekodifika, tirriproduċi jew timmodifika l-kontenut tal-Mezzi (kollu jew parzjalment). Il-wiri ta' trademarks fil-paġni tal-Mezzi ma jimplikax li tkun ingħatat liċenzja ta' kwalunkwe tip.

### 3.15 Ebda Offerta jew Parir

Xejn fil-Mezzi m'għandu jiġi interpretat bħala sollecitazzjoni jew offerta, jew rakkomandazzjoni, biex takkwista jew tiddisponi minn kwalunkwe investiment, prodott jew servizz jew biex tidħol fi kwalunkwe tranżazzjoni oħra, jew biex jipprovdi xi pariri jew servizz ta' investiment. Xejn li jinsab fil-Mezzi ma jikkostitwixxi parir dwar investiment, parir legali, dwar it-taxxa jew pariri oħra u m'għandux jiġi invokat biex isir xi investiment jew tittieħed xi deċiżjoni oħra. Għandek tikseb parir professjonali rilevanti u speċifiku qabel ma tieħu kwalunkwe deċiżjoni ta' investiment.

### 3.16 Struzzjonijiet Oħra (inklużi Struzzjonijiet ta' Trasferiment lill-BOV Wealth Management)

Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet huma minbarra t-Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali taħt it-taqsima 3.22 Kwalunkwe Struzzjoni Lilna. Madankollu, mat-terminazzjoni tal-aċċess għal jew tal-użu tal-Mezzi, għal kwalunkwe raġuni, kwalunkwe Struzzjoni magħmula minnek permezz tal-Mezzi taħt din il-funzjonalità, M'GĦANDHIEX tiġi mitmuma awtomatikament. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, "Struzzjonijiet Oħra" se jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun raġonevolment wara li nirċevuhom, iżda mhux aktar tard mill-Jum ta' Negozju għall-Banek ta' wara. Għandek id-dritt li tikkanċella jew temenda Struzzjoni fi kwalunkwe ħin qabel l-eżekuzzjoni tagħha minna, BISS billi tuża din il-funzjonalità "Struzzjonijiet Oħra". Madankollu, tista' tintalab tħallas imposta ta' kanċellazzjoni/emenda u li tikkumpensana għall-ispejjeż imġarrba, jekk ikun hemm. Ma tistax tikkanċella jew tibdel Struzzjoni mogħtija lilna wara li nkunu bdejna nipproċessaw l-Istruzzjoni.

Fil-każijiet kollha, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, jekk il-Kont li għandu jiġi debitat ikun Kont ta' kard ta' kreditu, it-trasferiment għandu jkun soġġett għall-miżata, jekk ikun hemm, applikabbli għall-avvanzi ta' flus, skont it-Tariff of Charges tal-Bank.

### 3.17 Tagħmir

Għandek tinnotifika lill-Bank immedjatament jekk tiskopri jew tissuspetta li xi hardware u/jew software tiegħek, inkluża s-SIM card tiegħek, ġie kompromess, mitluf jew misruq jew m'għadux taħt il-kontroll tiegħek jew x'aktarx li jintuża ħażin jew li kwalunkwe informazzjoni li tinsab fil-mobile tiegħek saret magħrufa lil persuna oħra. In-notifika għandha ssir liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti fuq (356) 2123 4821, liema numru huwa disponibbli fuq bażi ta' 24 siegħa. Aħna mbagħad se nwaqqfu l-aċċess għall-Mezzi immedjatament. Din in-notifika għandha tkun segwita minn konferma bil-miktub min-naħa tiegħek. Inti, madankollu, se tkun responsabbli għal kwalunkwe Struzzjoni pproċessata minna qabel in-notifika tiegħek.

Inti responsabbli għall-provvista u l-manutenzjoni tal-hardware u tas-software tiegħek u biex tiżgura li dan ikun kompatibbli mal-Mezzi.

### 3.18 Termini Ġenerali ta' Ħlas

a. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas b'data futura se jiġu ddebitati fil-jum stipulat minnek u l-Imgħax bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (kemm jekk ta' debitu kif ukoll ta' kreditu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum.
b. Għal ħlasijiet fil-Kont tal-kard ta' kreditu tiegħek mal-Bank, jekk jogħġbok irreferi għat-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-kard ta' kreditu tiegħek li jinstabu fuq https://www.bov.com/terms-and-conditions

c. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor l-Istruzzjonijiet tal-ħlas se jiġu pproċessati f'Ħin Reali u l-Imgħax applikat bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (kemm jekk ta' debitu kif ukoll ta' kreditu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum.
d. Id-data u l-ħin se jkunu inklużi fl-irċevuti tat-tranżazzjonijiet tal-ħlas.
e. Fi kwalunkwe ħin matul ir-relazzjoni kuntrattwali l-utent tas-Servizz ta' Ħlas għandu jkollu d-dritt li jirċievi, fuq talba, it-termini kuntrattwali ta' ftehim u t-termini u kundizzjonijiet rilevanti kif ukoll informazzjoni oħra dwar is-sigurtà kif iddettaljat fit-taqsima 3.23 Avviż ta' Sigurtà.
f. Fil-każijiet kollha, ir-responsabbiltà tagħna għat-tranżazzjoni tal-ħlas tintemm meta l-Istruzzjoni ta' ħlas tiġi trażmessa lill-Bank tal-Benefiċjarju.
g. Trasferiment ta' Kreditu 'l Barra ta' Prijorità se jasal għand il-Bank korrispondenti fl-istess jum jekk it-talba ssir qabel il-Cut-off Time f'Jum ta' Negozju għall-Banek.
h. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas li jaslu qabel il-Cut-off Time se jiġu ddebitati mill-Kont tiegħek f'Ħin Reali u l-Imgħax bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (ta' debitu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas se jiġu trażmessi lill-Bank riċeventi fl-istess Jum ta' Negozju għall-Banek.
i. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas li jaslu wara l-Cut-off Time jew f'jum li mhuwiex Jum ta' Negozju għall-Banek se jiġu ddebitati mill-Kont tiegħek f'Ħin Reali u l-Imgħax bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (ta' debitu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas se jiġu trażmessi lill-istituzzjoni finanzjarja riċeventi fil-Jum ta' Negozju għall-Banek li jmiss.
j. Għandha tkun ir-responsabbiltà tiegħek li tivverifika jekk it-tranżazzjoni ta' ħlas hijiex soġġetta għal xi miżata minn Banek terzi u/jew Banek Benefiċjarji, kif applikabbli, u jekk meħtieġ li tipprovdi għaliha.
k. Inti tobbliga ruħek li tagħtina biżżejjed informazzjoni, inkluż l-IBAN jew il-BIC tiegħek u n-Numru tal-Kont, u li tagħtina d-*data* tal-pagament meħtieġa b'mod preċiż, konsistenti, u komplut.
l. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tiżgura li d-dettalji kollha tal-pagament kif mitluba mill-Bank Benefiċjarju u l-ġuriżdizzjoni jkunu kompluti.
m. Il-pagament tiegħek jista' jiġi rritornat lilna mill-Bank Benefiċjarju. Sakemm il-liġi tħallina nagħmlu dan, aħna se ninnotifikawk dwar ir-Ritorn, inkluż fejn possibbli, ir-raġunijiet għar-Ritorn mal-ewwel opportunità u aħna se nagħmlu li nistgħu biex nikkuntattjawk elettronikament jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli u xieraq. F'termini tat-Tariff of Charges tal-Bank, tista' tkun dovuta miżata f'każ ta' notifika bħal din u inti tista' tkun responsabbli wkoll għal kwalunkwe miżata imposta millBank terz, jekk applikabbli. Sakemm ma tagħtiniex struzzjonijiet mod ieħor jew sakemm il-liġi tħallina nagħmlu dan, aħna se nikkreditaw l-ammont tal-fondi rritornati, wara li nnaqqsu l-miżati tagħna u kwalunkwe miżati tal-Bank terz, jekk applikabbli, fil-Kont li kien ġie ddebitat. Fejn applikabbli, f'każ li jkun meħtieġ kambju tal-munita, inti tista' tkun responsabbli wkoll għal kwalunkwe differenza fir-rata tal-kambju.
n. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jiġu rrifjutati jew imwaqqfa minna għal raġunijiet validi inklużi iżda mhux limitati għal:
   i. fondi mhux disponibbli;
   ii. il-limitu tal-Kont jew tal-kard tiegħek inqabeż;
   iii. il-Kont huwa magħluq;
   iv. informazzjoni nieqsa jew mhux korretta;
   v. irridu naġixxu skont rekwiżit legali jew qorti jew awtorità oħra;
   vi. l-Istruzzjoni tidher mhux tas-soltu meta mqabbla mal-mod kif normalment tuża l-Kont tiegħek;
   vii. aħna raġonevolment nemmnu li l-iskop tat-tranżazzjoni jista' jkun illegali jew frodulenti; jew
   viii. għal kwalunkwe raġuni oħra li tista' tiġi stabbilita separatament f'dawn it-Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali jew kwalunkwe Termini u Kundizzjonijiet speċifiċi oħra li jirregolaw il-Kont jew kwalunkwe prodott jew servizz ieħor tal-Bank.

o. Aħna m'għandna l-ebda responsabbiltà lejk jekk issofri xi telf bħala riżultat tar-rifjut jew tat-terminazzjoni min-naħa tagħna fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq. Sakemm il-liġi tħallina nagħmlu dan, aħna se ninfurmawk elettronikament jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli u xieraq biex ngħidulek li qed nirrifjutaw li naġixxu fuq l-Istruzzjoni ta' ħlas tiegħek jew li qed inwaqqfu l-Istruzzjoni tiegħek, inklużi fejn possibbli r-raġunijiet għar-rifjut jew għat-terminazzjoni tal-Istruzzjoni tiegħek. Aħna se nagħmlu dan mal-ewwel opportunità.

p. Inti għandek titqies li tajt il-kunsens għall-ħlas meta:
   i. il-firma tiegħek tinsab fuq vawċer tal-bejgħ jew fuq formola ta' awtorizzazzjoni oħra flimkien mad-dettalji tal-Kont ta' Pagament tiegħek; jew,
   ii. inti tikkonferma l-awtorizzazzjoni ta' kwalunkwe Struzzjoni ta' Ħlas permezz tal-Mezzi tagħna billi tuża l-Kredenzjali tal-Mezz tal-BOV tiegħek.

q. Għal Ħlasijiet individwali, il-Bank għandu, fuq talba tiegħek, jagħtik iż-żmien massimu għall-eżekuzzjoni, l-miżati pagabbli u fejn applikabbli t-tqassim tal-ammonti.

### 3.18.1 Trasferiment ta' Fondi bejn Kontijiet proprji

L-Istruzzjonijiet ta' ħlas b'data futura huma disponibbli biss fl-Euro (EUR). Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, u ħlief għall-krediti fil-Kontijiet tal-karta ta' kreditu, tali Struzzjonijiet ta' ħlas b'data futura se jiġu pproċessati fil-jum stipulat minnek u l-Imgħax applikat bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (kemm jekk ta' debitu kif ukoll ta' kreditu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum. L-Istruzzjonijiet ta' ħlas f'muniti li mhumiex l-Euro se jiġu pproċessati f'Ħin Reali u l-Imgħax bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (kemm jekk ta' debitu kif ukoll ta' kreditu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum.

### 3.18.2 Faċilità għall-Ħlas ta' Kontijiet

L-Istruzzjonijiet ta' ħlas se jiġu pproċessati f'Ħin Reali u l-Imgħax bir-rata applikabbli għall-Kont relattiv (ta' debitu) se jiġi kkalkulat mill-istess jum.

a. Il-fajl elettroniku ta' kuljum jiġi sottomess permezz tal-email lill-Kumpanija li tirċievi l-ħlasijiet. Malli tirċievi l-imsemmi fajl elettroniku, il-Kumpanija għandha tkun responsabbli li tqabbel il-valur totali tal-ħlasijiet ta' kuljum indikati fil-fajl mal-ammont(i) kkreditat(i) fil-Kont fl-istess jum.
b. Il-Bank iżomm id-dritt li jreġġa' lura kull ħlas li jsir permezz tal-Mezzi fid-diskrezzjoni unika tiegħu fil-perjodu normali ta' rikors għaċ-ċekkijiet (48 siegħa - jumejn tax-xogħol), dment li l-Bank għandu javża lill-Kumpanija bil-miktub (inkluż permezz tal-email) dwar kwalunkwe riversjar bħal dan. Kwalunkwe ħlas bħal dan se jiġi ddebitat mill-Kont imsemmi hawn fuq filwaqt li jintbagħat avviż lill-Kumpanija.
c. Il-miżati għandhom jiġu ddebitati kull xahar.
d. Il-Bank jirriserva d-dritt li jirrevedi l-miżati ta' hawn fuq lill-Kumpanija u/jew kwalunkwe miżata mposta lill-klijenti li jħallsu fi kwalunkwe ħin billi jagħti lill-Kumpanija jew lill-klijenti li jħallsu, kif applikabbli, mill-inqas xahar (1) ta' avviż. Kwalunkwe avviż bħal dan għandu jingħata lill-Kumpanija bil-miktub (inkluż permezz tal-email) u lill-klijenti permezz tal-Mezzi.
e. Il-Bank m'għandux ikun responsabbli għal xi tilwima li tinqala' bejn il-Pagatur tal-kont kif imsemmi qabel u l-Kumpanija. Il-Kumpanija b'dan tindennizza lill-Bank kontra kwalunkwe pretensjoni, telf jew ħsara li jista' jsofri bħala konsegwenza tad-dħul f'dan il-Ftehim dment li l-imsemmi indennizz ma japplikax għal pretensjonijiet, telf jew ħsara li jirriżultaw minn tort jew negliġenza tal-Bank jew ta' xi wieħed jew waħda mill-uffiċjali tiegħu.
f. Filwaqt li l-Bank ħa kull prekawzjoni raġonevoli biex jiżgura li s-sistemi tiegħu jkunu siguri kemm jista' jkun, il-Bank ma jistax jiggarantixxi l-privatezza jew il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li tgħaddi minn dawn is-sistemi u għalhekk ma jista' jaċċetta ebda responsabbiltà għall-aċċess mhux awtorizzat minn parti terza u/jew għall-korruzzjoni tad-*data*. Fid-dawl ta' dan, il-Kumpanija taċċetta li trażmissjonijiet elettroniċi u oħrajn li

jgħaddu mis-sistemi tal-Bank jistgħu ma jkunux ħielsa minn interferenza minn partijiet esterni u jistgħu, għalhekk, ma jibqgħux kunfidenzjali.

g. Jekk il-Bank ma jkunx jista' jwettaq l-obbligi tiegħu għal xi raġuni lil hinn mill-kontroll tiegħu, il-Bank m'għandu jkun responsabbli għall-ebda spiża, ħsara jew obbligazzjoni mġarrba jew sostnuta mill-Kumpanija minħabba n-nuqqas ta' twettiq mill-Bank ta' xi wieħed mill-obbligi tiegħu hawn taħt, u f'każ bħal dan, il-Bank għandu jkollu d-dritt li jtemm dan il-Ftehim minnufih.
h. Għat-terminazzjoni tas-Servizz ta' Ħlas u informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali, irreferi għat-taqsima 5. Terminazzjoni ta' Servizz ta' Ħlas.

#### 3.18.2.1 Ħlasijiet ta' Kontijiet f'Data Futura

a. L-ordnijiet jinġabru flimkien mill-Bank u, f'ċirkostanzi normali, jintbagħtu lill-fornitur tas-servizz fl-istess Jum ta' Negozju għall-Banek.
b. Il-Bank of Valletta p.l.c. mhuwiex parti għall-forniment ta' xi wieħed mis-servizzi tal-fornitur tas-servizz u l-mistoqsijiet u/jew it-tilwim kollha fir-rigward ta' dawn is-servizzi għandhom isiru minnek lill-fornitur tas-servizz rilevanti.

### 3.18.3 Ħlasijiet lil Partijiet Terzi

#### 3.18.3.1 Ħlas f'munita taż-ŻEE lil Kont ieħor ta' parti terza fiż-ŻEE

Fejn il-Kont tad-destinazzjoni jinżamm ma' Bank ieħor taż-ŻEE u sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor fejn data futura li għażilt ma tkunx Jum ta' Negozju għall-Banek, l-Istruzzjonijiet ta' ħlas jiġu trażmessi lill-Bank riċeventi fil-Jum ta' Negozju għall-Banek li jmiss. Il-ħlasijiet fil-muniti taż-ŻEE se jaslu għand il-Bank l-ieħor mhux aktar tard minn Jum ta' Negozju għall-Banek wieħed (1) wara li nirċievu l-Istruzzjoni ta' ħlas tiegħek inkluż mill-Fergħat tagħna. Il-Bank li jirċievi l-ħlas mingħandna huwa meħtieġ bil-liġi li jħallsu fil-Kont tal-klijent tiegħu fil-jum li jirċievi l-ħlas mingħandna, madankollu l-wasla u l-ipproċessar tal-ħlasijiet mill-Bank riċeventi huma lil hinn mill-kontroll tal-Bank of Valletta plc.

#### 3.18.3.2 Ħlas f'munita taż-ŻEE lil Bank barra miż-ŻEE

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-ħlasijiet fl-Euro (EUR) se jaslu għand il-Bank l-ieħor mhux aktar tard minn Jum ta' Negozju għall-Banek wieħed (1) wara li nirċievu l-Istruzzjoni ta' ħlas tiegħek inkluż mill-Fergħat tagħna. Fil-każ ta' ħlasijiet f'muniti oħra taż-ŻEE, il-ħlas se jasal għand il-Bank l-ieħor mhux aktar tard minn erbat (4) ljiem ta' Negozju għall-Banek wara li nirċievu l-Istruzzjoni ta' ħlas tiegħek.

#### 3.18.3.3 Ħlasijiet fi kwalunkwe munita oħra (minbarra muniti tal-UE/taż-ŻEE) lil kwalunkwe Kont kull fejn jinżamm

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-ħlas se jasal għand il-Bank l-ieħor mhux aktar tard minn erbat (4) ljiem ta' Negozju għall-Banek wara li nirċievu l-Istruzzjoni ta' ħlas tiegħek inkluż mill-Fergħat tagħna.

### 3.18.4 Mobile to Mobile Payments

Il-BOV Mobile Payments:

a. jistgħu jsiru biss fl-Euro (EUR);
b. se jkunu jeħtieġu l-użu ta' numru tal-mobile maħruġ minn Fornitur Malti tas-Servizzi tal-Mobile;
c. jistgħu jintbagħtu biss lil partijiet terzi abbonati fil-BOV Mobile to Mobile Payments;
d. jistgħu jintbagħtu biss lejn jew minn numru tal-mobile marbut mal-Kont speċifiku li jkun ġie nnotifikat lilna, u;
e. jistgħu jsiru jekk il-limitu massimu permess ma jinqabiżx f'intervall ta' 24 siegħa.

Inti tifhem u taċċetta li biex tibgħat jew tirċievi BOV Mobile to Mobile Payments, id-dettalji personali tiegħek, inkluż ismek u n-numru tat-telefown jistgħu jintwerew fuq apparat tal-mobile, fuq ir-rendikont bankarju u fuq mezzi oħra ta' komunikazzjoni li l-Bank jista' jagħmel użu minnhom, tal-parti l-oħra fit-tranżazzjoni u li l-Bank ma jkunx responsabbli għal xi użu ta' tali informazzjoni minn dik il-parti l-oħra jew minn xi partijiet terzi.

### 3.18.5 Top Up tal-Mobile

a. Tista' tagħmel top up fuq kwalunkwe numru tal-mobile mħallas minn qabel li l-fornitur tas-servizz tal-mobile tiegħu jkun reġistrat mal-BOV. Inti responsabbli li ddaħħal in-numru tal-mobile korrett meta tagħmel it-top up. Hija r-responsabbiltà tiegħek li tinfurmana bi kwalunkwe tibdil li jista' jaffettwa s-servizz.
b. Il-fondi biex ikopru l-ispejjeż tat-top up se jitnaqqsu mill-Kont Preferut tiegħek kif indikat fil-Formola ta' Applikazzjoni. Fejn il-fondi ma jkunux disponibbli, it-top up tiegħek se jiġi rrifjutat u inti tiġi nnotifikat elettronikament. It-top up massimu ta' kuljum huwa ta' ħamsin Euro (€50), inklużi l-VAT u t-taxxi applikabbli, għal kull Kont/numru tal-mobile. Talbiet biex isir top up ta' aktar minn ħamsin Euro (€50) għandhom isiru lill-fergħat tal-Bank jew billi ċċempel fuq (356) 2131 2020 għall-awtorizzazzjoni. L-SMSs għat-top up huma bla ħlas lokalment u jiġu ċċarġjati skont il-fornitur tas-servizz tal-mobile tiegħek waqt li tkun imsiefer.
c. Aħna u/jew l-operatur tal-mobile tiegħek nistgħu neħtieġu informazzjoni u l-għajnuna tiegħek biex tgħinna nirkupraw telf jew nipprevjenu aktar telf, kif jista' jkun meħtieġ. Għalhekk inti għandek tikkoopera magħna, mal-operatur tal-mobile tiegħek u/jew mal-pulizija fl-isforzi tagħna biex nirkupraw dan it-telf u biex ninvestigaw kwalunkwe użu mhux awtorizzat tas-SIM Card u/jew tal-mobile tiegħek u f'dan ir-rigward, inti tawtorizzana biex niżvelaw informazzjoni dwarek jew dwar il-Kont tiegħek lill-pulizija jew lil partijiet terzi awtorizzati oħra. Jekk tintalab tirrapporta dan l-użu mhux awtorizzat lill-pulizija, dan irid isir bil-lingwa Ingliża u kemm jista' jkun malajr.
d. Jista' jkun meħtieġ li tinħażen jew li tiġi trażmessa informazzjoni relatata miegħek u mal-Kontijiet tiegħek lill-fornitur tas-servizz tal-mobile fejn raġonevolment inqisu li dan huwa meħtieġ biex b'mod effettiv isir it-Top Up.

### 3.18.6 Trasferimenti ta' Ħlas għal Trasferiment ta' Kreditu taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) (l-"Iskema")

L-Iskema hija applikabbli għal trasferimenti ta' kreditu ("Trasferimenti ta' Kreditu tas-SEPA") magħmulin fl-Euro (EUR) bejn Numri Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBANs) li jinsabu fis-SEPA[1], fejn inti tagħtina struzzjonijiet biex niddebitaw in-Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN) tiegħek u nikkreditaw Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (IBAN) ieħor. It-termini l-oħra kollha kapitalizzati u mhux definiti hawnhekk għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom fil-Ktieb tar-Regoli tal-Iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu tas-SEPA (il-"Ktieb tar-Regoli").
It-Trasferimenti ta' Kreditu tas-SEPA huma soġġetti għat-Termini u Kundizzjonijiet li ġejjin:

1. a) Soġġett għad-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu (b) hawn taħt, il-paragrafu 4, kif ukoll id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu preżenti, aħna nintrabtu li niddebitaw l-IBAN tiegħek fid-Data ta' Aċċettazzjoni, u nibagħtu l-Istruzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu tas-SEPA lill-Bank Benefiċjarju. F'termini tal-Iskema, il-Bank Benefiċjarju għandu jikkredita l-IBAN tal-Benefiċjarju malli jirċievi l-ħlas dment li l-ħlas jasal għand il-Bank tal-Benefiċjarju sal-Cut-off Times tal-Bank. Għalhekk, l-Istruzzjoni ta' Trasferiment ta' Kreditu tiegħek se tiġi eżegwita sa mhux aktar tard minn Jum tan-Negozju għall-Banek wieħed (1) wara d-Data ta' Aċċettazzjoni. Jekk id-Data tal-Eżekuzzjoni mitluba minnek hija data fil-futur, id-Data tal-Eżekuzzjoni għandha titqies bħala d-Data ta' Aċċettazzjoni.
   b) Huwa mifhum li fil-każ li rekwiżiti legali (inklużi, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan ta' hawn fuq, verifiki fid-dawl tar-riskji ta' ħasil tal-flus u finanzjament tat-terroriżmu) ma jkunux ġew issodisfati, fl-opinjoni tagħna, jew jekk, fl-opinjoni tagħna jeżistu restrizzjonijiet legali, il-Ħin tal-Eżekuzzjoni ta' hawn fuq m'għandux japplika u għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa għall-konformità mal-Liġi.
2. It-tranżazzjonijiet kollha għandhom ikunu fl-Euro (EUR) fl-istadji kollha tal-proċess. Jekk il-Kont tiegħek jinżamm

f’munita oħra għajr l-Euro (EUR), is-somma relattiva għandha tiġi kkonvertita f’Euro (EUR), bir-rata tal-kambju applikabbli tagħna fid-Data ta’ Aċċettazzjoni. Fil-każ li l-Kont tal-Benefiċjarju jkun f’munita oħra għajr l-Euro (EUR), il-Bank Benefiċjarju għandu jikkonverti l-ammont tat-trasferiment fil-munita tal-Kont tal-Benefiċjarju skont il-fehim tiegħu mal-Benefiċjarju.

3. Aħna se nittrasferixxu lill-Bank Benefiċjarju l-ammont sħiħ indikat fl-Istruzzjonijiet ta’ Trasferiment ta’ Kreditu.
4. L-Istruzzjoni ta’ Trasferiment ta’ Kreditu tas-SEPA tista’ tiġi Rifjutata minna jew mill-Mekkaniżmu ta’ Kklerjar u Saldu jew tista’ tiġi rritornata minn Bank Benefiċjarju qabel l-eżekuzzjoni, għal kwalunkwe raġuni ddikjarata fil-Ktieb tar-Regoli.
5. (a) Soġġett għal kwalunkwe rekwiżit jew restrizzjoni legali jew regolatorju prevalenti, id-*data* kollha tar-rimessa pprovduta minnek fl-Istruzzjoni ta’ Trasferiment ta’ Kreditu għandha tintbagħat b’mod sħiħ u mingħajr tibdil minna u minn kwalunkwe Istituzzjoni Intermedjarja u Mekkaniżmu ta’ Kklerjar u Saldu lil kwalunkwe Istituzzjoni Intermedjarja bħal din u Mekkaniżmu ta’ Kklerjar u Saldu u/jew lill-Bank Benefiċjarju, kif jista’ jkun applikabbli. Il-Bank Benefiċjarju għandu jwassal id-*data* kollha tar-rimessa li jirċievi b’mod sħiħ u mingħajr tibdil lill-Benefiċjarju.
   (b) Il-Bank jista’ jkun meħtieġ li jiżvela *data* personali fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet imwettqa permezz tas-SWIFT lill-Awtoritajiet tal-Istati Uniti.
6. Jekk tixtieq li jkollok Kodiċi ta’ referenza tat-tranżazzjoni għandek tipprovdi Referenza tal-Oriġinatur fuq l-Istruzzjoni ta’ Trasferiment ta’ Kreditu. L-istruttura interna ta’ tali kodiċi ta’ referenza għandha tkun iddefinita minnek. Tista’ titlobna nirritornawlek il-Kodiċi ta’ referenza tal-oriġinatur tat-tranżazzjoni sabiex tidentifika Trasferiment ta’ Kreditu tas-SEPA. Madankollu, ma tistax titlob li xi informazzjoni oħra ta’ referenza tingħata lura lilek għall-iskop t’hawn fuq.
7. Tista’ tagħżel li tħalli lill-Bank japplika l-BIC tal-Bank Benefiċjarju. Il-BIC tal-Bank Benefiċjarju jista’ wkoll jiddaħħal manwalment; f’liema każ il-Bank ma jkunx responsabbli għal ħsara jew telf li inti tista’ ssofri bħala riżultat li l-imsemmi BIC ma jkunx korrett.
8. Il-Bank se juża l-proċess ta’ validazzjoni tal-BIC/IBAN tiegħu stess biex jeżegwixxi ħlasijiet tas-SEPA li jiffurmaw parti minn Bulk Payment File ta’ Trasferimenti ta’ Kreditu (CT) u jirriserva d-dritt li jibdel l-informazzjoni tal-BIC.
9. Fuq talba bil-miktub tal-Bank, inti għandek tipprovdi lill-Bank bid-dettalji ta’ kuntatt, inkluż in-numru tal-karta tal-identità u l-indirizz residenzjali, ta’ kwalunkwe Benefiċjarju u dan għandu jkun konformi ma’ kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli, inkluża kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Għat-terminazzjoni tas-Servizz ta’ Ħlas u informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta’ ħlas individwali, irreferi għat-taqsima 5 Terminazzjoni ta’ Servizz ta’ Ħlas.

### 3.18.7 Bulk Payment – Batch Payment Files ta’ Trasferimenti ta’ Kreditu (CT) mtella’ permezz tal-Internet Banking

a. Is-CT Bulk Payment File jirreferi għal kull tip ta’ format ta’ fajl kif ipprovdut mill-Bank li jkun ippreparat minnek u li jkun fih mill-inqas 10 Struzzjonijiet ta’ ħlas. Malli tlesti s-CT Bulk Payment File, tista’ ttella’ dan il-fajl billi tuża l-BOV Internet Banking u tibgħatulna għall-ipproċessar. Fajl tal-ħlas li jkun fih numru tradizzjonali tal-Kont Bankarju / Numru Bażiku tal-Kont Bankarju (BBAN), mhux se jiġi kkonvertit mill-Bank u se jiġi Rifjutat. Informazzjoni addizzjonali tista’ tkun meħtieġa minn żmien għal żmien kif mitlub mill-Bank u skont ir-rekwiżiti tal-Iskema.
b. It-termini u kundizzjonijiet kollha msemmija fit-taqsimiet ta’ hawn fuq, li jiffurmaw parti mit-taqsima bit-titolu 3.18 Termini Ġenerali ta’ Ħlas, għandhom ikunu applikabbli għas-CT Bulk Payment File sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor f’din it-taqsima, skont il-kategorija rispettiva li taqa’ fiha kull tranżazzjoni individwali fis-CT Bulk Payment File u għandu jiġi pproċessat kif xieraq.
c. Kull CT Bulk Payment File għandu jispeċifika Data tal-Valur li fiha l-IBAN tal-Benefiċjarju għandu jiġi kkreditat

bl-ammont speċifikat fl-Istruzzjoni ta' ħlas.

d. Kwalunkwe data tal-valur b'rabta ma' Struzzjoni ta' ħlas kif tinsab fis-CT Bulk Payment File għandha tkun Jum ta' Negozju għall-Banek.
e. Inti responsabbli biex tiżgura li l-batch payment file u l-kontenut tiegħu huma korretti. Inti responsabbli biex tiżgura li l-informazzjoni mogħtija waqt li tkun qed ittella' l-batch payment file hija korretta u li l-informazzjoni kollha taqbel ma' dik tal-batch payment file u l-kontenut tiegħu. Jekk l-informazzjoni ma tkunx l-istess, se jintuża l-kontenut tal-fajl.

Skont ir-rekwiżiti tal-iskemi tal-ħlasijiet tas-SEPA, l-Istruzzjonijiet tal-ħlas elettroniku miġbura kollha għandhom jiġu sottomessi għall-ipproċessar fl-istandard tas-SEPA ISO20022 XML (il-"Format tas-SEPA"). Sakemm ma jingħatax struzzjonijiet mod ieħor, il-Bank se juża l-proċess ta' validazzjoni tal-BIC/IBAN tiegħu stess biex jeżegwixxi ħlasijiet tas-SEPA li jiffurmaw parti minn CT Bulk Payment File u jirriserva d-dritt li jibdel l-informazzjoni dwar il-BIC jekk wara l-proċess ta' validazzjoni, il-BIC ma jaqbilx mal-informazzjoni dwar il-BIC imdaħħla.

Termini u kundizzjonijiet addizzjonali għall-ipproċessar tal-batch payment tas-SEPA:

1. Il-Bank mhuwiex responsabbli għall-kuntratt sottostanti, bejn l-Oriġinatur u l-Benefiċjarju, li jiġġenera l-ħlas
2. L-Oriġinatur jaqbel li jħallas il-miżati kollha tal-Bank konnessi mal-ipproċessar f'batch skont it-Tariff of Charges tal-Bank li tista' tiġi aġġornata minn żmien għal żmien.
3. Kwalunkwe waħda mill-partijiet għandu jkollha d-dritt li ttemm dan l-arranġament tal-ipproċessar ta' batch payments billi tagħti tletin (30) jum avviż bil-miktub lill-parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttemm dan l-arranġament.
4. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-arranġament ta' ppro ċessar ta' batch payments li jeħtieġu jew li jistgħu jimponu kwalunkwe responsabbiltà jew obbligu wara t-terminazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ minkejja t-terminazzjoni u kull dritt korrispondenti mogħti lil kull parti għandu jkun infurzabbli wara t-terminazzjoni.
5. L-Oriġinatur b'dan jikkommetti ruħu li jżomm lill-Bank kompletament indennizzat minn u kontra kull azzjoni, proċediment, imposta, dannu u spiża li l-Bank jista' jġarrab jew isofri jew li għalihom il-Bank jista' jsir responsabbli direttament jew indirettament minħabba li l-Bank ikun ta l-użu tal-Ipproċessar ta' batch file.
6. L-Oriġinatur għandu, fuq talba bil-miktub tal-Bank, jipprovdi lill-Bank b'dettalji ta' kuntatt, inkluż in-numru tal-karta tal-identità u l-indirizz residenzjali, ta' kwalunkwe Benefiċjarju. L-Oriġinatur għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-għoti ta' tali informazzjoni lill-Bank ikun konformi ma' kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli, inkluża kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Il-Bank se jipprovdi s-Servizzi ta' Konverżjoni soġġett għat-termini li ġejjin:

a. Il-Bank se jaċċetta biss fajls għall-konverżjoni skont il-format tal-fajl miftiehem mal-Bank. Fajls sottomessi f'formati oħra
se jiġu Rifjutati u l-Bank ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà li tirriżulta minn tali Rifjut tal-fajls.
b. Inti kompletament responsabbli biex tiżgura l-eżattezza tal-Istruzzjonijiet ta' ħlas li jinkludu kwalunkwe fajl tal-ħlas sottomess għall-konverżjoni. Meta jipprovdi Servizzi ta' Konverżjoni, il-Bank ma jaċċetta l-ebda responsabbiltà għal eżekuzzjoni difettuża jew għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kwalunkwe Struzzjoni ta' ħlas li tinsab f'fajl konvertit fejn tali eżekuzzjoni difettuża jew nuqqas ta' eżekuzzjoni jkunu r-riżultat ta' kwalunkwe ineżattezza, żball jew duplikazzjoni eżistenti fil-fajl tal-ħlas oriġinarjament sottomess minnek.
c. Wara l-konverżjoni ta' fajl tal-ħlas, inti tista' tawtorizza lill-Bank biex jissottometti dak il-fajl konvertit għall-ipproċessar, f'liema każ, il-ħlas li jirriżulta għandu jkun regolat mit-termini u kundizzjonijiet applikabbli.
d. Is-sistema hija proprjetà tal-Bank u mħaddma mill-Bank u l-użu tagħha jingħata lill-klijent sabiex bis-saħħa tas-Sistema, il-Bank jikkommetti ruħu li jwettaq l-ordnijiet ta' ħlas skont in-Numri tal-kontijiet u l-ammonti ta' kreditu pprovduti mill-klijent fuq il-mezzi tiegħu stess, elettroniċi jew mod ieħor.

Għat-terminazzjoni tas-Servizz ta' Ħlas u informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali, irreferi għat-taqsima 5.

Terminazzjoni ta’ Servizz ta’ Ħlas.

### 3.18.8 Debiti Diretti SEPA (Core)

a. Debitu Dirett jista’ jiġi stabbilit billi timtela formola ta’ mandat ta’ Debitu Dirett SEPA skont ir-regoli tal-iskema ta’ Debitu Dirett SEPA. Il-kreditur huwa marbut li jipprovdi l-formola lid-debitur u jżomm l-oriġinali. Il-Bank mhux se jipprovdi u lanqas jipproċessa l-formola u se jirċievi biss talbiet għall-ħlas mill-kreditur għad-debitar ta’ Kont abbażi ta’ dak il-mandat. Il-mandati ta’ Debitu Dirett SEPA għandhom jiġu pproċessati mill-kreditur u rikonoxxuti mid-debitur. Aħna nirriservaw id-dritt li ma nħallsu l-ebda Debitu Dirett SEPA (Core) jekk il-mandat għad-Debitu Dirett SEPA (Core) ma jkunx skont l-Istruzzjonijiet tal-iffirmar tal-Kont.
b. Debitur li jixtieq jikkanċella Debitu Dirett għandu jinforma lill-Bank u jinforma lill-Benefiċjarju biex jiżgura li l-ħlas jiġi kkanċellat.
c. Debitur jista’ jitlob lill-Bank biex jirrifondi Ħlas ta’ Debitu Dirett għal kwalunkwe raġuni fi żmien l-ewwel 8 ġimgħat mid-data tad-debitu.
d. Aħna nistgħu nitolbuk tipprovdi informazzjoni li hija raġonevolment meħtieġa biex ninvestigaw jekk intix intitolat għar-rifużjoni jew le. Barra minn hekk, tista’ tkun ta’ għajnuna wkoll jekk tikkuntattja lill-persuna li ħallast. Fi żmien 10 ijiem tax-xogħol minn meta nirċievu t-talba tiegħek (jew minn meta nirċievu aktar informazzjoni li tlabna), aħna jew se nirrifondu l-ħlas jew se ninfurmawk bir-raġunijiet tagħna għar-rifjut tar-rifużjoni.

Għat-terminazzjoni tas-Servizz ta’ Ħlas u informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta’ ħlas individwali, irreferi għat-taqsima 5 Terminazzjoni ta’ Servizz ta’ Ħlas.

### 3.18.9 Fornitur Terz (TPP)

a. Il-Bank se jipprovdi informazzjoni dwar il-Kont tiegħek fuq it-talba speċifika tiegħek biex tirreġistra ma’ TPP li jista’ jkun jew Fornitur ta’ Servizzi ta’ Bidu ta’ Pagament (PISP) jew/u Fornitur ta’ Servizz ta’ Informazzjoni dwar il-Kontijiet (AISP) li inti tkun tajtu kunsens espliċitu, kif aħna legalment mitluba li nagħmlu. Dan ma jimplikax li, il-Bank japprova r-relazzjoni tiegħek mat-TPP. Kwalunkwe riskju fir-rigward tal-impenn u t-trattamenti ma’ dan it-TPP huwa kompletament tieghek.
b. Billi tagħti aċċess lit-TPP, inti tifhem li l-Bank se jittrasferixxi d-*data* lill-imsemmi TPP u inti taqbel mat-termini u kundizzjonijiet stabbiliti mit-TPP. Il-Bank mhux se jkun responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara li tirriżulta mill-użu ta’ prodotti u/jew servizzi pprovduti mit-TPP li huma dovuti għal xi żbalji, ommissjonijiet jew irregolaritajiet imwettqa minnek jew mit-TPP jew li għalihom inti jew it-TPP għandkom tort. Inti responsabbli għar-relazzjoni tiegħek mat-TPP u biex tosserva t-termini u kundizzjonijiet miftiehma minnek.
c. Permezz ta’ AISP tista’ tara l-informazzjoni tal-Kont mill-Banek l-oħra tiegħek f’post wieħed. Ladarba tagħżel li tibda ħlas permezz ta’ PISP, inti taqbel li taqsam il-kredenzjali tal-Bank tiegħek mal-PISP. Il-PISP imbagħad jibda l-ħlas f’ismek u aħna mbagħad nipproċessaw il-ħlas u niddebitaw il-Kont li għandek magħna.
d. It-TPP għandu:
    i. Ikollu liċenzja ta’ PISP jew/u ta’ AISP f’Malta jew fil-pajjiż ta’ oriġini tiegħu, u jikseb drittijiet ta’ passaportar biex jopera f’Malta bħala pajjiż ospitanti;
    ii. Ma jżommx fondi fl-ebda ħin b’konnessjoni ma’ servizzi ta’ bidu ta’ ħlas;
    iii. Jiżgura li l-kredenzjali ta’ sigurtà personalizzati ma jkunux aċċessibbli għal xi partijiet oħra u li t-trażmissjoni ssir b’mod sikur;
    iv. Jiżgura li kwalunkwe informazzjoni oħra miksuba meta jiġu pprovduti servizzi ta’ bidu ta’ ħlas tiġi pprovduta biss lill-Benefiċjarju u biss bil-kunsens espliċitu tiegħek;
    v. Joqgħod lura milli jaħżen *data* sensittiva tal-ħlas relatata miegħek; u
    vi. Joqgħod lura milli jitlob xi *data* mingħandek minbarra dik li hija meħtieġa biex jipprovdi s-servizz ta’ bidu ta’

ħlas jew is-servizzi ta' informazzjoni dwar il-Kontijiet.

e. Aħna nistgħu niċħdu l-aċċess ta' TPP għal Kont fejn it-TPP ikun qed jikser waħda mill-kundizzjonijiet ta' hawn fuq u/jew aħna raġonevolment inkunu sodisfatti li hemm raġunijiet ġustifikati u evidenzjati relatati ma' użu mhux awtorizzat jew attivitajiet frawdolenti minn dak it-TPP, f'liema każijiet, aħna mitluba ninnotifikaw lill-MFSA u/jew kwalunkwe awtorità kompetenti jew regolatur ieħor.

Għat-terminazzjoni tas-Servizz ta' Ħlas u informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali, irreferi għat-taqsima 5 Terminazzjoni ta' Servizz ta' Ħlas.

## 3.19 Terminazzjoni ta' ftehim jew aċċess għall-mezzi

Dan il-Ftehim huwa għal terminu indefinit. Madankollu, aħna nistgħu nitterminaw dan il-ftehim jew nikkanċellaw jew nissospendu l-użu tal-Mezzi fi kwalunkwe ħin billi nagħtuk avviż ta' xahrejn (2) bil-miktub jew kwalunkwe perjodu ieħor ta' avviż iqsar kif jista' jkun permess mil-liġi, ħlief fejn il-Mezzi jew il-Kont ikunu ntużaw jew x'aktarx li se jintużaw ħażin jew fil-każ ta' kwalunkwe raġuni serja oħra inkluż ksur jew ksur possibbli minnek ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, f'liema każ, it-terminazzjoni, il-kanċellazzjoni jew is-sospensjoni se jkunu immedjati.

Barra minn hekk, il-Bank jista', fi kwalunkwe ħin jissospendi l-użu tal-Mezzi għal kwalunkwe raġuni oġġettivament ġustifikata inkluż, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, is-sigurtà tiegħek u dik tal-Mezzi, is-suspett ta' użu mhux awtorizzat jew frawdolenti tal-Mezzi, jew ksur jew ksur possibbli minnek tat-Termini u Kundizzjonijiet. F'każijiet bħal dawn, fejn possibbli, il-Bank se jinfurmak minn qabel dwar is-sospensjoni u r-raġunijiet għas-sospensjoni u mhux aktar tard minn immedjatament wara, sakemm l-għoti ta' tali informazzjoni ma jikkompromettix raġunijiet ta' sigurtà oġġettivament ġustifikati jew ikun ipprojbit bil-liġi. Il-Bank se jinfurmak permezz ta' telefonata jew bi kwalunkwe mezz disponibbli jew xieraq.

Ir-riattivazzjoni ta' Mezz li jkun ġie sospiż mill-Bank minħabba ksur minnek ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet hija soġġetta għal imposta skont it-Tariff of Charges tal-Bank.

Inti tista' ttemm l-aċċess tiegħek għal jew l-użu tal-Mezzi fi kwalunkwe ħin permezz ta' kwalunkwe waħda mill-fergħat tagħna. It-terminazzjoni fl-ewwel 6 xhur tal-ftehim għandha tkun mingħajr ħlas. Il-miżati għal Servizzi ta' Ħlas iċċarġjati fuq bażi regolari għandhom jitħallsu mill-utent biss proporzjonalment sat-terminazzjoni tal-ftehim skont it-Tariff of Charges. It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim mhu se jaffettwa l-ebda dritt jew obbligu ta' xi parti minna. Mat-terminazzjoni, inti se tkun mitlub tħallasna immedjatament kwalunkwe tariffa jew miżata pendenti dovuta. Jekk tali miżati jitħallsu bil-quddiem, dawn għandhom jiġu rimborżati proporzjonalment.

Barra minn hekk, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, mat-terminazzjoni tal-aċċess għal jew l-użu tal-Mezzi, għal kwalunkwe raġuni, l-Istruzzjonijiet kollha magħmula minnek permezz tal-Mezzi, ħlief għal dawn li ġejjin, jiġu tterminati awtomatikament u ma jibqgħux jiġu eżegwiti minna. L-Istruzzjonijiet li ma jiġux tterminati awtomatikament, u li jibqgħu jiġu eżegwiti minna huma:

- Xiri jew Bejgħ ta' Titoli
- Tibdil fid-dettalji tal-kard
- Tibdil fid-dettalji ta' kuntatt
- Żieda fil-limitu tal-kard ta' kreditu
- Konnessjoni tal-Kontijiet ma' kard ta' debitu
- Ordni ta' immaġnijiet taċ-ċekkijiet
- Ordni ta' flus kontanti barranin
- Ordni ta' Rendikont bankarju uffiċjali
- Talba għal pin tal-kard

- Biex tagħmel Standing Order
- Biex taqleb bejn il-fondi
- Uploading ta' batch payment files
- Biex tara jew timmodifika l-ordnijiet ta' investiment tiegħek

Barra minn hekk, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, jekk inti ma jibqagħlekx Kont magħna, għal kwalunkwe raġuni, l-Istruzzjonijiet kollha magħmula minnek permezz tal-Mezzi u l-użu minnek tal-Mezzi jiġu tterminati awtomatikament u ma jiġux eżegwiti minna.

## 3.20 Liġi li Tirregola

Il-liġi Maltija tirregola dawn it-Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali u l-informazzjoni kollha li tidher fuq il-Mezzi hija pprovduta skont u soġġetta għal-liġi Maltija. Għaldaqstant, billi tibbrawżja jew tuża l-Mezzi inti aċċettajt il-liġi Maltija bħala l-liġi li tirregola l-kondotta u t-tħaddim u l-użu tal-Mezzi. Il-Qrati ta' Malta għandu jkollhom ġuriżdizzjoni mhux esklussiva fuq kull pretensjoni jew tilwim li jinqala' fir-rigward, minn jew b'rabta mal-Mezzi u l-użu tagħhom u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet Ġenerali u Termini u Kundizzjonijiet Speċifiċi oħra. Il-Mezzi huma ddisinjati għall-użu f'Malta u mhumiex diretti lejn, u lanqas maħsuba għad-distribuzzjoni jew l-użu minn, xi persuna jew entità f'xi ġuriżdizzjoni jew pajjiż fejn il-pubblikazzjoni jew id-disponibbiltà tal-Mezzi jew tali distribuzzjoni jew użu jkunu kuntrarji għal-liġi jew regolamentazzjoni lokali. Jekk tagħżel li tuża l-Mezzi, hija r-responsabbiltà tiegħek li tikkonforma mal-liġijiet lokali, nazzjonali jew internazzjonali applikabbli u kwalunkwe użu tal-Mezzi barra minn Malta huwa kompletament għar-riskju tiegħek. Għal gwida relatata mas-sitwazzjoni speċifika tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-konsulent legali tiegħek.

## 3.21 Indennizz

Inti m'għandekx iżżommna responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara mġarrba minn xi persuna bħala riżultat tal-ksur tiegħek ta' xi wieħed minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew tal-użu mhux xieraq minnek tal-Mezzi jew ta' kwalunkwe funzjoni tal-Mezzi.

Is-Sistema u kwalunkwe interface tas-software huma maħsuba biex jiffaċilitaw il-ħlasijiet u l-Bank mhuwiex responsabbli għall-kuntratt sottostanti, bejn il-klijent u partijiet terzi oħra inklużi l-benefiċjarji.

Aħna mhux se nkunu responsabbli għal telf jew spejjeż li inti tista' ssofri (inkluż telf konsegwenzjali bħal telf ta' negozju) jekk nonqsu milli nikkonformaw ma' xi wieħed mill-obbligi tagħna minħabba:

- ċirkostanzi imprevedibbli barra mill-kontroll raġonevoli tagħna, li kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi kollha għall-kuntrarju, pereżempju dewmien jew nuqqasijiet ikkawżati minn azzjoni industrijali, problemi b'sistema oħra jew b'network ieħor, ħsara mekkanika jew nuqqasijiet fl-ipproċessar tad-*data*; jew
- minħabba l-obbligi tagħna li nikkonformaw ma' kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli.
- kwalunkwe telf, dannu, azzjoni jew spiża li jinqalgħu jew li jseħħu min-naħa tiegħek bħala riżultat ta' informazzjoni li tkun ġiet trażmessa elettronikament, permezz tal-Internet jew mod ieħor, issir magħrufa lil persuna mhux awtorizzata b'kull mezz ikun x'ikun, sakemm tali telf, danni, azzjonijiet jew spejjeż jinqalgħu minħabba negliġenza serja tal-Bank.

Id-dispożizzjonijiet ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet li jeħtieġu jew li jistgħu jimponu kwalunkwe responsabbiltà jew obbligu wara t-terminazzjoni għandhom jibqgħu fis-seħħ minkejja t-terminazzjoni u kull dritt korrispondenti mogħti lil kull parti għandu jkun infurzabbli wara t-terminazzjoni.

Inti b'dan tobbliga ruħek li żżomm lill-Bank kompletament indennizzat minn u kontra kull azzjoni, proċediment, miżata, dannu u spiża li l-Bank jista' jġarrab jew isofri jew li għalihom il-Bank jista' jsir responsabbli direttament jew indirettament minħabba li l-Bank ikun ta l-użu tas-Sistema.

### 3.22 Kwalunkwe Struzzjoni lilna

Il-ħlasijiet, l-Istruzzjonijiet, l-ordnijiet, l-applikazzjonijiet, il-ftehimiet, dikjarazzjonijiet oħra ta' intenzjoni u l-messaġġi kollha mibgħuta minnek permezz tal-Mezzi, wara li ddaħħal il-kredenzjali tas-sigurtà tiegħek waqt li tkun qed tuża Hardware Token jew BOV Mobile Authentication Software huma meqjusa bħala vinkolanti għalik. Inti tawtorizzana naġixxu fuq kwalunkwe Struzzjoni li nirċievu permezz tal-Mezzi u tiddikjara u tikkonferma li kwalunkwe informazzjoni mogħtija minnek lilna hija vera u korretta u inti responsabbli għall-awtentiċità u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija.

Aħna m'aħniex obbligati li nieħdu xi passi oħra (ħlief dawk enfasizzati fit-Taqsima 3.18 Termini Ġenerali ta' Ħlas) biex nikkoreġu, nissupplimentaw, nikkonfermaw jew nawtentikaw l-Istruzzjoni u lanqas biex nirriversjaw jew naġġustaw kwalunkwe tranżazzjoni jew azzjoni oħra mwettqa bħala riżultat ta' Struzzjoni mibgħuta. Inti se tkun responsabbli għal kwalunkwe tranżazzjoni li nwettqu f'ismek. Aħna m'għandniex ninżammu responsabbli jekk l-eżekuzzjoni tal-Istruzzjoni, minħabba informazzjoni sottomessa b'mod żbaljat minnek, tittardja, titwettaq b'mod żbaljat jew ma titwettaqx. Barra minn hekk, għandu jkollna d-dritt li ninterrompu l-ipproċessar ta' Struzzjoni sabiex niksbu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Inti għandek tagħti Kont tal-oriġini tal-flus jekk tintalab tagħmel dan.

### 3.23 Avviż ta' Sigurtà

Filwaqt li ħadna kull prekawzjoni raġonevoli biex niżguraw li s-sistemi tagħna jkunu siguri kemm jista' jkun, ma nistgħux niggarantixxu n-nuqqas ta', u lanqas nieħdu responsabbiltà għal aċċess mhux awtorizzat minn partijiet terzi u/jew il-korruzzjoni tad-*data*. Minħabba dan, il-Mezzi jistgħu ma jkunux ħielsa minn interferenza minn partijiet esterni u jistgħu, għalhekk, ma jibqgħux kunfidenzjali.

Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, aħna nipprovdu lill-Amministratur tas-Sistema u/jew lil kull wieħed mill-utenti l-oħra BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Authentication Software, il-UserID. Madankollu, inti se tingħata l-użu uniku u esklussiv tal-BOV Securekey u kwalunkwe telf tagħha jew ħsara fiha hija r-responsabbiltà unika u esklussiva tiegħek. Barra minn hekk, hija r-responsabbiltà tiegħek li tinfurmana dwar l-Amministratur tas-Sistema jew utenti oħra li m'għadhomx awtorizzati jużaw il-Mezzi f'ismek u li tiġbor il-BOV Securekey tagħhom jew tinfurmana li mhux se jibqgħu jeħtieġu aktar l-aċċess permezz tal-BOV Mobile Application.

Għandek tieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha biex tipprevjeni t-tixrid, it-telf, is-serq jew l-użu frawdolenti tal-BOV Securekey, in-Numru/i tas-Sigurtà, il-PIN tal-BOV Securekey, u/jew il-BOV Mobile Application, il-BOV Mobile Authentication Software, id-*data* bijometrika, il-PIN tal-BOV Mobile, kif applikabbli. Jekk għandek xi raġuni biex tissuspetta li l-esperjenza tiegħek bil-Mezzi ġiet kompromessa, inti għandek tinnotifikana immedjatament billi ċċempel lir-rappreżentanti tagħna fuq in-numru tat-telefown: (356) 2131 2020 jew tibgħat e-mail fuq customercare@bov.com.

Il-Bank għandu jiġi nnotifikat mingħajr dewmien żejjed dwar talbiet għal rettifika ta' ħlas mhux awtorizzat jew eżegwit ħażin u mhux aktar tard minn 13-il xahar wara d-data tad-debitu. Il-Bank se jinvestiga t-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati u, jekk il-Bank ikun raġonevolment sodisfatt li t-tranżazzjoni ma kinitx awtorizzata minnek u li m'intix responsabbli, il-Bank se jħallas lura fil-Kont l-ammonti tat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati (inkluż kwalunkwe Imgħax jew miżati li inti ħallast bħala riżultat tat-tranżazzjoni), kif ukoll kull Imgħax li l-Bank kien iħallsek fuq dak l-ammont, jekk l-ammont ikun ta' aktar minn ħamsin Euro (€50). Minn hemm 'il quddiem, ma jkollna ebda responsabbiltà ulterjuri lejk.

Madankollu, inti se tkun responsabbli bla limitu għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa permezz tal-Mezzi qabel in-notifika lilna f'termini ta' din il-klawżola jekk:

a. inti ma użajtx il-BOV Securekey tiegħek u/jew il-BOV Mobile Application u/jew il-BOV Mobile Authentication Software skont din l-Informazzjoni Importanti u t-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu; b'mod partikolari, jekk ma tiħux il-passi kollha raġonevoli biex iżżomm sikuri l-BOV Securekey u n-Numru/i tas-Sigurtà tiegħek u l-PIN

tal-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Application tiegħek, u l-BOV Mobile Authentication Software u l-PIN tal-BOV Mobile, u d-*data* bijometrika, kif applikabbli;

b. inti ma avżajtniex immedjatament li kellek suspetti jew li nnutajt tranżazzjonijiet irregolari jew mhux awtorizzati jew meta sirt taf li l-Kredenzjali tal-Mezz tal-BOV tiegħek ġew kompromessi, mitlufa jew misruqa;

c. inti ma ħadtx prekawzjonijiet raġonevoli biex tipprevjeni t-tixrid, it-telf, is-serq jew l-użu frawdolenti bħal iżda mhux limitat għar-reġistrazzjoni tal-PIN tal-BOV Securekey jew Numru/i tas-Sigurtà u/jew il-PIN tal-BOV Mobile fi kwalunkwe forma li tingħaraf faċilment;

d. inti aġixxejt b'xi mod ieħor b'negliġenza kbira jew bi frodi.

Aħna neħtieġu informazzjoni u l-għajnuna tiegħek biex tgħinna nirkupraw il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Banking Application, u/jew is-Software Token. Għalhekk inti għandek tikkoopera magħna u mal-pulizija fl-isforzi tagħna biex nirkupraw il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Banking Application, u/jew is-Software Token, u biex ninvestigaw kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata li tirrapporta. Jekk tintalab tirrapporta tali tranżazzjonijiet lill-pulizija, dan għandu jsir malajr kemm jista' jkun. Jekk tirkupra l-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Banking Application, u/jew is-Software Token wara li tkun irrapportajthom mitlufa jew misruqa, inti m'għandekx tużahom imma tibgħathom lilna.

Għandek tosserva kwalunkwe Struzzjoni għall-utenti li aħna nistgħu ninnotifikawk biha minn żmien għal żmien peress li dawn jistgħu jinbidlu.

## 4 Termini Ġenerali Applikabbli għall-Kontijiet Kollha

1. Il-Kont jista' jintuża permezz tal-Mezzi, in-Network tal-ATMs, is-Servizz ta' Night Safe, trasferimenti elettroniċi, ċekkijiet u l-Fergħat. Il-ħlasijiet kollha applikabbli jinsabu fit-Tariff of Charges tal-Bank. Jistgħu jkunu applikabbli limiti għad-depożiti u għall-ġbid u dawn jistgħu jinbidlu skont il-Mezz u skont il-prodott li qed jintuża.
2. Il-Kont mhuwiex trasferibbli.
3. Fil-każ ta' Kont konġunt, mal-mewt ta' wieħed mid-Detenturi tal-Kont, soġġett għal-liġi tal-pajjiż tad-domiċilju tad-Detentur tal-Kont li miet, is-superstitu/i għandhom ikunu vestiti bil-Kont. Jekk il-liġi tal-pajjiż tad-domiċilju tad-Detentur tal-Kont li miet hija l-liġi Maltija, is-superstitu/i u l-werrieta tal-mejjet għandhom ikunu vestiti bil-Kont.
4. Imblukkar tal-Kont/Rifjut li jsiru tranżazzjonijiet

   Il-Bank jista':

   a. jirrifjuta li jwettaq tranżazzjoni jew
   b. immedjatament jittermina tranżazzjoni jew
   c. jirriversja tranżazzjoni, kompletament jew parzjalment, jew
   d. jimblokka tranżazzjoni partikolari
   e. jimblokka l-Kont jew kwalunkwe holding ieħor li jista' jkollok mal-Bank (kull wieħed "Holding"), jekk il-Bank, jew il-bank korrispondenti tiegħu jemmen b'mod raġonevoli:
      i. li t-tranżazzjoni hija invalida, bi kwalunkwe mod frawdolenti jew illegali jew magħmula b'*mala fide*, jew
      ii. li ma tkunx saret mid-Detentur tal-Kont, jew
      iii. jekk id-Detentur tal-Kont ma jkunx aġixxa skont dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, jew
      iv. li l-fondi riċevuti mhumiex konformi man-negozju/okkupazzjoni/professjoni/status u/jew skop magħruf tad-Detentur tal-Kont għall-ftuħ tal-Kont, jew
      v. jekk ikun hemm attività suspettuża fir-rigward tal-Kont jew kwalunkwe Holding ieħor, jew
      vi. li d-Detentur tal-Kont jew xi tranżazzjoni waħda jew aktar qed jiksru kwalunkwe regolament ta' kwalunkwe awtorità fi kwalunkwe ġuriżdizzjoni relatat mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, il-

finanzjament tat-terroriżmu u l-provvista ta' servizzi finanzjarji u servizzi oħra (inkluż jekk id-Detentur tal-Kont ma jweġibx għat-talbiet tal-Bank biex jaġġorna d-*data* tiegħu skont dawn ir-regolamenti) jew lil kwalunkwe persuna jew entità li tista' tkun soġġetta għal kwalunkwe sanzjoni lokali jew internazzjonali, inklużi, iżda mhux limitati, għal dawk maħruġa min-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti tal-Amerika, jew ir-Renju Unit, jew

vii. għal kwalunkwe raġuni ġustifikata oħra.

f. jitlob rifużjoni mingħandek ta', u/jew immedjatament jiddebita mill-kontijiet tiegħek mingħajr avviż minn qabel, kwalunkwe flus li jitħallsu minna fil-kont tiegħek bi żball. Inti se tkun infurmat dwar kwalunkwe ddebitar bħal dan min-naħa tagħna fir-rendikont bankarju tiegħek li jkun imiss.

Il-Bank jikkommetti ruħu li jinforma lid-Detentur tal-Kont bl-imsemmija rifjut, terminazzjoni jew riversjar, sakemm ma jkunx ipprojbit milli jagħmel dan bil-liġi jew b'ordni ta' xi qorti jew awtorità kompetenti oħra.

F'eventwalità bħal din, il-fondi/Kont għandhom jibqgħu mblukkati sakemm il-Bank ikun sodisfatt bl-ispjegazzjoni bil-miktub u/jew dokumentazzjoni ta' sostenn ipprovduta mid-Detentur tal-Kont.

Il-Bank jirriserva d-dritt li jirrevedi u/jew jittermina r-relazzjoni tad-Detentur tal-Kont mal-Bank jekk ma jkunx sodisfatt bl-imsemmija spjegazzjoni/dokumentazzjoni u/jew attività tal-Kont skont il-punti (i) sa (vii) hawn fuq.

Il-Bank jista' jipprovdi informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet u dwar il-klijenti, inklużi d-dettalji tas-sid Benefiċjarju aħħari, lill-Bank intermedjarju tiegħu, fuq talba ta' dan il-Bank tal-aħħar u fejn din l-informazzjoni tkun meħtieġa sabiex tippermetti lil tali Bank intermedjarju jaderixxi mal-obbligi regolatorji tiegħu kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

Il-Bank jew il-Banek korrispondenti jistgħu wkoll idewmu t-twettiq ta' kwalunkwe tranżazzjoni waqt li jinvestigaw jekk it-tranżazzjoni tkunx qed tikser dan ta' hawn fuq.

1. Il-Bank jirriserva d-dritt li jagħlaq il-Kont u jittermina l-Ftehim billi jagħti lid-Detentur tal-Kont avviż ta' xahrejn (2) jew perjodu ta' avviż iqsar kif jista' jkun permess mil-liġi: bil-kundizzjoni li l-Bank jirriserva d-dritt li jagħlaq il-Kont u jittermina l-Ftehim mingħajr avviż jekk ikun hemm raġuni valida biex jagħmel dan, inkluż, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan ta' hawn fuq fejn id-Detentur tal-Kont ikun qed jikser jew x'aktarx jikser xi wieħed minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew inkella jkun qed jonqos jew fil-każ ta' bidla fil-liġi u/jew deċiżjoni jew rakkomandazzjoni ta' qorti, regolatur jew korp simili jew jekk jinqalgħu xi ċirkostanzi li jistgħu jolqtu b'mod raġonevoli t-twettiq mid-Detentur tal-Kont ta' kwalunkwe obbligu tiegħu/tagħha taħt dan il-Ftehim. Mat-terminazzjoni, il-Bank se jitlob il-ħlas lura ta' kwalunkwe ammont li huwa dovut lill-Bank fuq il-Kont (inkluż Imgħax u miżati) u r-ritorn ta' kwalunkwe ċekk mhux użat u/jew kard ta' debitu marbuta mal-Kont (mhux applikabbli għall-Kont ta' Pagament Bażiku. Għall-klawżola ta' terminazzjoni tal-BPA, irreferi għat-Termini Speċifiċi tal-BPA).
2. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, ir-Rata tal-Kambju tal-Bank se tapplika għal kwalunkwe ħlas li jinvolvi l-kambju tal-muniti meta l-Bank jipproċessa l-ħlas f'dak il-mument. Jekk jogħġbok staqsi fi kwalunkwe fergħa tal-Bank, irreferi għas-sit web tal-Bank fuq https://www.bov.com/bov-exchange-rates jew ċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq 2131 2020 għal informazzjoni rigward ir-rati tal-kambju.
3. Kopja tal-fuljett informattiv tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD) li tista' tinstab hawn: https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/business_economy_euro/Banking_and_finance/documents/leaflet-your-rights-payments-eu_en.pdf
4. Ħlief fejn previst mod ieħor, kwalunkwe avviż lid-Detentur tal-Kont b'rabta mat-Termini u Kundizzjonijiet tal-Kont se jkun raġonevoli u se jiġi nnotifikat lid-Detentur tal-Kont bil-miktub, inkluż b'mezzi elettroniċi bħal SMS jew email (sew jekk permezz tal-Internet Banking jew b'xi mod ieħor).

5. Dawn it-Termini u Kundizzjonijiet għandhom ikunu regolati minn u interpretati skont il-liġi Maltija u kull tilwima għandha tkun soġġetta għall-ġuriżdizzjoni mhux esklussiva tal-Qrati tal-Ġustizzja ta' Malta.
6. It-tariffi u l-miżati jistgħu jinbidlu wara li dan il-prodott ikun ġie akkwistat u l-prodotti periferali jista' jkollhom l-ispejjeż tagħhom stess.
   Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu ċċarġjati skont it-Tariff of Charges maħruġa mill-Bank minn żmien għal żmien fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi tiegħu u li hija disponibbli fil-fergħat tal-Bank, fuq is-sit web https://www.bov.com/tariff-charges-and-fids jew billi ċċempel liċ-Ċentru għas- Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq (356) 2131 2020.
7. Bilanċi ta' kreditu għoljin fuq Kontijiet mhux personali jistgħu jattiraw tariffa kif speċifikat fit-Tariff of Charges tal-Bank.
8. Jistgħu japplikaw restrizzjonijiet għal tranżazzjonijiet mhux fl-Euro u għall-ftuħ ta' Kontijiet Bankarji mhux denominati fl-Euro.
9. Mat-terminazzjoni tal-ftehim, il-Bank għandu jagħtik l-informazzjoni li ġejja li tkopri perjodu ta' mill-inqas tlettax-il (13) xahar mingħajr ħlas:

Il-klijenti huma mitluba jivverifikaw mal-Bank peress li dawn jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien.

**Informazzjoni għall-Pagatur dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali:**

a. referenza li tippermetti lill-Pagatur jidentifika kull tranżazzjoni ta' ħlas u, fejn xieraq, informazzjoni relatata mal-Benefiċjarju;
b. l-ammont tat-tranżazzjoni ta' ħlas fil-munita li fiha jiġi ddebitat il-Kont ta' Pagament tal-Pagatur jew fil-munita użata għall-ordni ta' ħlas;
c. l-ammont ta' kwalunkwe imposta għat-tranżazzjoni ta' ħlas u, fejn applikabbli, analiżi tal-ammonti ta' tali imposti, jew l-Imgħax pagabbli mill-Pagatur;
d. fejn applikabbli, ir-rata tal-kambju użata fit-tranżazzjoni ta' ħlas mill-Fornitur ta' Servizzi ta' Pagament tal-Pagatur, u l-ammont tat-tranżazzjoni ta' ħlas wara dak il-kambju tal-munita;
e. id-data tal-valur tad-debitu jew id-data tal-wasla tal-ordni ta' ħlas.

**Informazzjoni għall-Benefiċjarju dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali:**

a. referenza li tippermetti lill-Benefiċjarju jidentifika t-tranżazzjoni ta' ħlas u lill-Pagatur, u kwalunkwe informazzjoni trasferita mat-tranżazzjoni ta' ħlas;
b. l-ammont tat-tranżazzjoni ta' ħlas fil-munita li fiha jiġi kkreditat il-Kont ta' Pagament tal-Benefiċjarju;
c. l-ammont ta' kwalunkwe imposta għat-tranżazzjoni ta' ħlas u, fejn applikabbli, analiżi tal-ammonti ta' tali miżati, jew l-Imgħax pagabbli mill-Benefiċjarju;
d. fejn applikabbli, ir-rata tal-kambju użata fit-tranżazzjoni ta' ħlas mill-Fornitur ta' Servizzi ta' Pagament tal-Benefiċjarju, u l-ammont tat-tranżazzjoni ta' ħlas qabel dak il-kambju tal-munita;
e. id-data tal-valur tal-kreditu.

## 4.1 Termini Ġenerali Applikabbli għall-Kontijiet ta' Pagament

1. Fi kwalunkwe ħin, id-Detentur tal-Kont għandu d-dritt li jibdel il-frekwenza tar-rendikont bankarju għal annwali, semi-annwali, kull tliet xhur, kull xahar, kull ħmistax, kull ġimgħa u kuljum. It-talba għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-fergħa tiegħek. Fil-każ ta' Detenturi tal-Kont li huma abbonati għas-servizz tal-Internet Banking, ir-rendikonti bankarji se jkunu disponibbli b'mod elettroniku, filwaqt li d-Detenturi tal-Kont, li mhumiex abbonati għas-servizz tal-Internet Banking se jirċievu r-rendikonti bankarji bil-posta. Talbiet għal rendikonti bankarji addizzjonali jew ħruġ mill-ġdid tagħhom għandhom ikunu soġġetti għal miżata skont it-Tariff of Charges tal-Bank.

2. Id-Detentur tal-Kont jista' jagħżel li jirċievi r-rendikont bankarju permezz tal-Internet Banking jew bil-posta. Ir-rendikont bankarju se jkun disponibbli mingħajr ħlas permezz tal-Internet Banking jew fuq it-talba tad-Detentur tal-Kont fi kwalunkwe fergħa tagħna. Jekk jintalab rendikont bankarju aktar spiss minn darba fix-xahar, tista' tapplika miżata skont it-Tariff of Charges tal-Bank.
3. Il-Kont għandu jiġi mħaddem fi kreditu sakemm ma tiġix sanzjonata faċilità ta' self mill-Bank. Id-Detentur tal-Kont mhu taħt l-ebda ċirkostanza awtorizzat li juża aktar flus milli għandu fil-Kont. Minkejja dak li ntqal qabel, il-Bank għandu jkollu d-dritt li jiddebita l-Kont bl-ammonti tat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati kollha (inkluż kull miżata pendenti) anke jekk il-Kont ikun overdrawn jew jiġi overdrawn bħala riżultat.
4. Minbarra dan ta' hawn fuq, jekk tiddepożita ċekk miġbud fuq il-Bank ("ċekkijiet tal-BOV"), l-ammont taċ-ċekk jista' jidher li jifforma parti mill-Bilanċ Attwali tal-Kont. Madankollu, l-ammont jista' mhux bilfors ikun disponibbli f'dak il-mument, iżda jkun disponibbli fil-jum tax-xogħol ta' wara. Id-dritt tal-Bank li jitlob rifużjoni jew li jiddebita l-Kont, għandu japplika wkoll għaċ-Ċekkijiet tal-BOV.
5. L-imgħax se jakkumula fuq l-ammont overdrawn u/jew fuq l-ammonti li jinġibdu kontra ammonti li għalihom il-Bank kien għadu ma rċeviex valur, bir-rati applikabbli għall-bilanċi ta' debitu kif ippubblikati mill-Bank minn żmien għal żmien. Kontijiet overdrawn jistgħu jkunu soġġetti għal tariffa skont it-Tariff of Charges tal-Bank u d-Detentur tal-Kont għandu jħallas immedjatament kwalunkwe tali ammont overdrawn flimkien mal-Imgħax u t-tariffi, jekk ikun hemm.
6. Il-Bank għandu d-dritt, fi kwalunkwe ħin, mingħajr ma jagħti ebda avviż minn qabel, li jpaċi kull bilanċ negattiv fuq il-Kont ma' kwalunkwe bilanċ ta' kreditu li d-Detentur tal-Kont jista' jżomm f'Kont ieħor mal-Bank.
7. L-imgħax li jiġi kkalkulat kuljum fuq il-bilanċi tal-kreditu se jitħallas bir-rati li jirregolaw il-Kont kif ippubblikati mill-Bank minn żmien għal żmien. Jekk jogħġbok staqsi fi kwalunkwe fergħa tal-Bank, irreferi għall-paġna fuq is-sit tal-Bank fuq [https://www.bov.com/bov-interest-rates](https://www.bov.com/bov-interest-rates) jew ċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq (356) 2131 2020 għar-Rata tal-Imgħax applikabbli. L-Imgħax ta' debitu fuq il-bilanċi overdrawn jiġi kkalkulat kuljum u se jiġi ċċarġjat bir-rati li jirregolaw il-Kont kif ippubblikati mill-Bank minn żmien għal żmien. Jekk jogħġbok staqsi fi kwalunkwe fergħa tal-Bank jew ċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq (356) 2131 2020 għar-Rata tal-Imgħax applikabbli.
8. Wara li jikkredita l-Kont bl-ammont riċevut, il-Bank inaqqas kwalunkwe imposta dovuta lil kwalunkwe Bank intermedjarju jew lill-Bank li jibgħat il-flus (jekk applikabbli) skont it-Tariff of Charges. F'każ bħal dan, l-ammont sħiħ tat-tranżazzjoni u l-miżati għandhom ikunu separati fl-informazzjoni mogħtija lid-Detentur tal-Kont. Jekk il-Bank jikkredita l-Kont qabel ma l-fondi jaslu mill-Bank intermedjarju jew mill-Bank li jkun qed jibgħat il-flus u l-ebda fondi ma jaslu mill-Bank intermedjarju jew mill-Bank li jkun qed jibgħat il-flus għal kwalunkwe raġuni tkun xi tkun, id-Detentur tal-Kont għandu, fuq talba tal-Bank, jirritorna lill-Bank l-ammont ikkreditat fil-Kont flimkien ma' kwalunkwe imposta skont it-Tariff of Charges u mingħajr telf ta' kambju, fejn applikabbli. Il-Bank għandu jkun intitolat li jimblokka dawn il-fondi fil-Kont sakemm tasal il-kopertura u li jiddebitahom, kemm jekk kollha kif ukoll jekk parzjalment, flimkien ma' kwalunkwe miżata skont it-Tariff of Charges u mingħajr telf ta' kambju, fejn applikabbli, jekk il-kopertura ma tasalx wara Jumejn (2) ta' Negozju għall-Banek li jibdew mid-data tal-valur tal-ħlas.
9. Il-Bank jirriserva d-dritt li jagħlaq kull Kont li jkollu bilanċ żero għal perjodu minimu ta' tnax-il (12) xahar konsekuttivi. Id-Detentur tal-Kont se jingħata avviż bil-miktub ta' xahrejn (2) qabel ma jingħalaq il-Kont.
10. It-Termini u Kundizzjonijiet (inklużi l-miżati) jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien mill-Bank. Il-Bank se jagħti lid-Detentur tal-Kont avviż ta' xahrejn (2) dwar kwalunkwe emenda bħal din, jew perjodu ieħor ta' avviż iqsar kif jista' jkun permess mil-liġi. Dan ta' hawn fuq japplika dment li:
    a. id-Detentur tal-Kont se jitqies li aċċetta dawn l-emendi, sakemm id-Detentur tal-Kont ma jinnotifikax lill-Bank li d-Detentur tal-Kont ma jaċċettax dawn l-emendi qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, f'liema każ il-Ftehim għandu jitqies li ġie tterminat. M'hemm l-ebda imposta għat-terminazzjoni tal-Ftehim.
    b. Kwalunkwe terminu jista' jinbidel mingħajr ma jingħata avviż bil-quddiem lid-Detentur tal-Kont jekk il-bidla

tkun ta' vantaġġ għad-Detentur tal-Kont. Il-Bank għandu jinforma lid-Detentur tal-Kont dwar il-bidla malajr kemm jista' jkun raġonevolment jew billi jippubblika l-bidla fl-istampa lokali jew fil-fergħat tal-Bank jew fuq il-website tal-Bank https://www.bov.com jew permezz tal-BOV Internet Banking Mailbox; u

c. Il-Bank jirriserva d-dritt li jwettaq bidliet mingħajr avviż jekk id-Detentur tal-Kont ikun qed jikser jew aktarx li se jikser xi wieħed minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew inkella jkun qed jonqos, fil-każ ta' bidla fil-liġi u/jew deċiżjoni jew rakkomandazzjoni ta' qorti, regolatur jew korp simili. Il-Bank se jinforma lid-Detentur tal-Kont dwar il-bidla malajr kemm jista' jkun raġonevolment jew, jekk applikabbli, billi jippubblika l-bidla fl-istampa lokali jew fil-fergħat tal-Bank jew fuq il-website tal-Bank www.bov.com jew permezz tal-BOV Internet Banking.

11. Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-informazzjoni pprovduta skont l-obbligi tal-Bank taħt id-Direttiva Nru 1 tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar il-Provvista u l-Użu ta' Servizzi ta' Ħlas, li għandha tifforma parti integrali minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.
12. Dan il-Ftehim huwa għal terminu indefinit. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, id-Detentur tal-Kont jista' jittermina dan il-Ftehim fi kwalunkwe ħin bil-miktub billi jagħti avviż ta' mill-inqas xahar. In-notifika mhux se tkun effettiva sakemm ma tkunx waslet għand il-Bank. Il-Kont se jingħalaq biss mal-ħlas lura ta' kwalunkwe somma li tista' tkun dovuta lill-Bank fuq il-Kont inkluż kull Imgħax akkumulat u/jew kwalunkwe miżata. Dawn is-somom għandhom jitħallsu lill-Bank mal-ewwel talba tiegħu. Barra minn hekk, jekk il-Kont jingħalaq għal kwalunkwe raġuni, id-Detentur tal-Kont għandu jirritorna lill-Bank immedjatament kwalunkwe kard ta' debitu marbuta mal-Kont. Il-klijent m'għandux jiġi ċċarġjat għat-terminazzjoni tal-ftehim. Madankollu, l-miżata fil-każ ta' "Għeluq Bikri tal-Kont" tapplika skont it-Tariff of Charges tal-Bank jekk il-Kont jingħalaq, fuq inizjattiva tal-klijent, fl-ewwel sitt (6) xhur mid-data tal-ftuħ tal-Kont.
13. Il-Kontijiet li fuqhom id-Detentur tal-Kont ma wettaq l-ebda tranżazzjoni għal perjodu kontinwu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar għandhom ikunu mmarkati bħala "Idle" jew "Dormant". Il-Bank għandu jiċċarġja "Tariffa għal Inattività fuq il-Kont" lil dawn il-Kontijiet skont it-Tariff of Charges tal-Bank u sussegwentement għandu jkompli jagħmel dan fuq bażi annwali sakemm matul it-tnax-il (12) xahar ta' qabel id-data dovuta tat-tariffa li jmiss, id-Detentur tal-Kont ma jkunx wettaq tranżazzjoni. Jekk il-bilanċ fuq il-Kont ikun inqas mill-ammont tat-tariffa, il-bilanċ jiġi ddebitat bil-ħlas tat-tariffa, u d-Detentur tal-Kont se jingħata xahrejn (2) avviż bil-miktub qabel ma jingħalaq il-Kont. (It-tariffa għal Inattività fuq il-Kont mhijiex applikabbli għall-Kont ta' Pagament Bażiku.)
14. Il-Bank jirriserva d-dritt li jeħtieġ perjodu ta' avviż ta' mhux aktar minn sebat (7) ijiem qabel ma jippermetti ġbid ta' aktar minn għaxart elef Euro (€10,000).
15. Il-Bank għandu jiċċarġja "Tariffa ta' Manutenzjoni" fuq Kontijiet ta' depożitu mhux personali skont it-Tariff of Charges tal-Bank. Jekk il-bilanċ fuq il-Kont ikun inqas mill-ammont tat-tariffa, il-bilanċ jiġi ddebitat bil-ħlas tat-tariffa, u d-Detentur tal-Kont se jingħata xahrejn (2) avviż bil-miktub qabel ma jingħalaq il-Kont.
16. Direttiva Nru 14 tal-BĊM – Reġistru Ċentrali tal-Kreditu - F'konformità mad-Direttiva Nru 14 maħruġa mill-Bank Ċentrali ta' Malta dwar it-twaqqif ta' Reġistru Ċentrali tal-Kreditu, informazzjoni relatata mal-faċilitajiet kollha ta' kreditu tiegħek ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5,000) (jekk ikun hemm) se tkun disponibbli għall-Bank Ċentrali biex tiddaħħal f'dan ir-Reġistru. F'termini ta' din id-Direttiva, il-Banek kollha f'Malta huma legalment obbligati li jipprovdu lill-Bank Ċentrali l-informazzjoni kollha meħtieġa fuq bażi ta' kull xahar.
    Il-faċilitajiet ta' kreditu rapportabbli għall-finijiet ta' dan ir-Reġistru jinkludu self, overdrafts, impenji, kards ta' kreditu u linji ta' kreditu oħra li huma meqjusa li jirrappreżentaw skopertura ta' kreditu. L-aċċess għar-Reġistru, li se jitħaddem permezz ta' sistema kompletament verifikabbli fuq il-portal tal-BĊM, se jkun strettament limitat għal Banek u aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu f'Malta, filwaqt li l-klijenti nfushom, jew ir-rappreżentanti legali tagħhom, jistgħu wkoll jitolbu li jeżerċitaw id-dritt li jkollhom estratt tal-informazzjoni miżmuma dwarhom fir-Reġistru.

### 4.1.1 Regoli applikabbli skont id-Direttiva Nru 19 tal-BĊM

1. Iċ-ċekkijiet huma validi għal sitt xhur mid-data tal-ħruġ.
2. Il-Bank se jaċċetta biss ċekkijiet li l-ammont tagħhom ikun akbar minn għoxrin Euro (€20). Ċekkijiet għal ammonti inqas minn u li jinkludu għoxrin Euro (€20) se jiġu rrifjutati mill-Bank.
3. L-isem u l-kunjom sħiħ tal-Benefiċjarju, il-firma, u n-numru ta' identifikazzjoni għandhom jiġu inklużi fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekk qabel ma jiġi ppreżentat għall-ħlas. In-numri ta' identifikazzjoni jinkludu n-numru tal-karta tal-identità, in-numru tal-passaport, jew in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni maħruġ uffiċjalment.

## 5 Terminazzjoni ta' Servizz ta' Ħlas

Inti tista' tittermina Kont ta' Pagament jew Servizz ta' Ħlas kif identifikat fi 3.18.2 Faċilità għall-Ħlas ta' Kontijiet, 3.18.6 Trasferimenti ta' Ħlas għal Trasferiment ta' Kreditu taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) (l-"Iskema"), 3.18.7 Bulk Payment – Batch Payment Files ta' Trasferimenti ta' Kreditu (CT) mtella' permezz tal-Internet Banking, 3.18.8 Debiti Diretti SEPA (Core) u 3.18.9 Fornitur Terz (TPP), fi kwalunkwe ħin sakemm:

1. ma jkunx hemm perjodu miftiehem ta' avviż li m'għandux jaqbeż ix-xahar; jew,
2. inti għandek xi ammont dovut lill-Bank, jew inkella qed tikser dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

Il-Bank jista' jittermina s-Servizz ta' Ħlas billi jagħtik avviż ta' mill-inqas xahrejn (2). It-Terminazzjoni ta' Servizz ta' Ħlas huwa mingħajr ħlas. Il-Bank jirriserva d-dritt li jitlob tariffa ta' terminazzjoni jekk is-Servizz ta' Ħlas ikun ilu fis-seħħ għal inqas minn 6 xhur.

## 6 Kunfidenzjalità u Protezzjoni tad-*Data*

Jekk tikseb aċċess mhux awtorizzat għal xi programmi, *data* jew informazzjoni oħra li tappartjeni lilna jew lill-aġent/i tagħna, inti taqbel li tinnotifikana immedjatament billi tikkuntattja liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tagħna.
Sabiex inkunu nistgħu nipprovdulek Servizzi ta' Ħlas, inti taqbel li aħna nkunu nistgħu naċċessaw, nipproċessaw, u nżommu l-informazzjoni li tagħtina. Dan mhu se jaffettwa l-ebda dritt u dmir li kull wieħed minna għandu taħt il-liġijiet tal-protezzjoni tad-*data*. Il-mod kif nipproċessaw l-informazzjoni personali huwa spjegat fl-Avviż ta' Privatezza tagħna li jista' jiġi aċċessat permezz ta' https://www.bov.com/website-privacy-policy jew f'kopja stampata billi titlob lir-rappreżentant tal-Bank li jkun qed jgħinek.

## 7 Miżati u Tariffi Bankarji

Inti taqbel li tħallas il-miżati kollha kif identifikati fit-Tariff of Charges tal-Bank. Kwalunkwe tibdil fit-Tariff of Charges se jiġi kkomunikat lilek mill-inqas xahrejn (2) qabel ma jidħol fis-seħħ. Għal lista aġġornata tat-Tariff of Charges tal-Bank, tista' tirreferi għall-paġna fuq il-website tal-Bank https://www.bov.com/tariff-charges-and-fids iżżur Fergħa tal-BOV jew tikkuntattja liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq in-Numru tat-Telefown (+356) 2131 2020.

## 8 Rati tal-Imgħax

Ir-Rati tal-imgħax tagħna huma bbażati fuq Rata tal-imgħax ta' referenza biż-żieda ta' marġni applikat mill-Bank. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fi kwalunkwe ftehim ieħor li inti tkun dħalt fih mal-Bank, il-bidliet fir-Rati tal-imgħax għandhom japplikaw immedjatament u jkunu disponibbli għalik fl-ewwel opportunità disponibbli.
Għal informazzjoni aġġornata żur il-paġna fuq il-website tal-Bank fuq https://www.bov.com/content/bov-Interest-rates, agħmel kuntatt magħna fi kwalunkwe Fergħa tal-BOV jew ċemplilna fuq 2131 2020.

## 9 Rekords tal-Klijenti Aġġornati

Inti għandek l-obbligu li tiżgura li d-dettalji li tagħtina jkunu preċiżi u aġġornati u li tinfurmana kemm jista' jkun malajr. Jekk jogħġbok għarrafna b'kull tibdil f'dawn li ġejjin tiegħek:

- indirizz residenzjali u indirizz ta' korrispondenza;
- indirizz elettroniku;
- linja fissa jew mobile;
- isem;
- stat ċivili;
- nazzjonalità jew ċittadinanza;
- okkupazzjoni jew introjtu;
- il-firma tiegħek.

Jekk tonqos milli tagħmel dan, tista' ma tirċevix komunikazzjonijiet importanti, jew l-informazzjoni mmirata għalik jista' jirċeviha xi ħadd ieħor. Barra minn hekk, il-Bank huwa legalment obbligat li jiżgura li r-rekords tal-klijenti jkunu aġġornati. Għalhekk aħna nistgħu neħtieġu dokumenti ta' sostenn biex naġġornaw ċerti dettalji, f'liema każ nitolbuk tissottomettihom lilna jew elettronikament jew bil-posta jew billi żżur Fergħa tal-BOV, skont iċ-ċirkostanza rispettiva. Perjodikament, aħna nitolbuk terġa' tagħtina d-dettalji tiegħek biex niżguraw li r-rekords tagħna jkunu aġġornati. In-nuqqas li tagħtina d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba jista' jirriżulta fit-terminazzjoni tas-servizzi tagħna lilek.

## 10 Komunikazzjonijiet

Meta jkollna bżonn nikkomunikaw miegħek, aħna se nużaw id-dettalji ta' kuntatt li tkun tajtna. Ċerti komunikazzjonijiet jista' jkun fihom informazzjoni privata u finanzjarja, għalhekk huwa importanti li dejjem tiżgura li d-dettalji ta' kuntatt li tagħtina jkunu preċiżi u aġġornati u li tinfurmana kemm jista' jkun malajr jekk jinbidlu. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-lingwa Ingliża se tintuża għall-fini ta' interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim u għall-komunikazzjonijiet kollha b'rabta mal-Ftehim.

Aħna nistgħu nikkuntattjawk permezz ta' xi wieħed jew aktar mill-metodi li ġejjin billi nużaw id-dettalji li tajtna:

- Numru tal-Mobile (permezz ta' telefonata jew SMS)
- Numru tat-telefown tal-linja fissa
- Indirizz elettroniku
- Posta
- BOV Internet Banking Mailbox
- Push notifications

Bidliet fit-termini u kundizzjonijiet u fit-Tariff of Charges se jiġu kkomunikati lilek billi nagħtuk avviż ta' mill-inqas xahrejn (2) permezz ta' format elettroniku lill-klijenti abbonati għall-Mezzi. Fejn applikabbli, se tintbagħat email u/jew SMS jew push notification ladarba l-komunikazzjoni tintbagħat lill-BOV Internet Banking Mailbox. Aħna nirrakkomandaw li inti tiċċekkja l-Mailbox tiegħek regolarment biex iżżomm ruħek aġġornat ma' kwalunkwe informazzjoni importanti li nibagħtulek. Tista' ssegwi din il-gwida biex titgħallem kif taċċessa l-BOV Internet Banking Mailbox tiegħek [https://www.bov.com/internet-banking](https://www.bov.com/internet-banking) Il-klijenti li mhumiex abbonati għall-Mezzi se jirċievu l-komunikazzjoni bil-posta. Oġġezzjoni għal dawn il-bidliet tagħtik id-dritt li tagħlaq kwalunkwe Kont jew tittermina kwalunkwe servizz regolat mit-Termini u Kundizzjonijiet, mingħajr ħlas. Fin-nuqqas ta' oġġezzjoni għall-bidliet proposti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt qafas, aħna se nqisu li inti aċċettajt dawn il-bidliet proposti.

Nistgħu ninkludu metodi oħra ta' komunikazzjoni fil-futur. Aħna m'aħniex responsabbli għal komunikazzjonijiet li jonqsu milli jaslulek, u aħna se nikkunsidrawk li rċevejthom jekk jintbagħtu fid-dettalji ta' kuntatt li tajtna.

It-telefonati u komunikazzjonijiet oħra magħna jistgħu jiġu mmonitorjati/reġistrati biex jinżammu u jittejbu l-Mezzi tagħna u għal skopijiet ta' sigurtà, verifika jew taħriġ. Barra minn hekk, fil-każ ta' xi tilwima li tinqala' fir-rigward ta' xi Struzzjonijiet jew allegati Struzzjonijiet, ir-rekord hekk miżmum minna għandu jkun prova *prima facie* ta' tali Struzzjonijiet jew allegati Struzzjonijiet għall-iskop li tiġi ddeterminata tali tilwima. Inti taqbel li mhux se tipprova tevita li tirċievi xi

messaġġi. Inti tkun meqjus li rċevejt kwalunkwe messaġġ elettroniku mibgħut lilek meta jkunu disponibbli għalik.

## 11 Mezzi tal-Midja Soċjali

Aħna nippubblikaw bidliet fl-istampa lokali jew fil-Fergħat tal-Bank jew fuq is-sit tal-Bank jew fuq il-midja soċjali tal-Bank jew permezz tal-BOV Internet Banking Mailbox. Id-dettalji għall-mezzi tal-midja soċjali tal-Bank huma:

| Midja Soċjali | Handle | Link |
|---|---|---|
| Facebook | Bovofficial | https://www.facebook.com/bovofficial |
| Instagram | bovBankofvalletta | https://instagram.com/bovBankofvalletta |
| LinkedIn | Bank-of-valletta-plc | https://www.linkedin.com/company/Bank-of-valletta-plc |
| Twitter | BOVtweets | https://twitter.com/bovtweets |
| Youtube | Bank of Valletta p.l.c. | https://www.youtube.com/BankOfValletta |
| Sit web tal-BOV | | https://www.bov.com/ |

Huwa l-obbligu tiegħek li tiżgura li taċċessa l-links korretti u uffiċjali tal-midja soċjali u tas-sit tal-BOV. Jekk issegwi link frawdolenti, id-dettalji tal-kard tal-Bank tiegħek jew l-informazzjoni personali jew l-informazzjoni finanzjarja jistgħu jintużaw minn frodisti u tista' tispiċċa titlef il-flus. Aħna qatt mhu se nibagħtulek messaġġi testwali jew messaġġi permezz tal-midja soċjali li jitolbuk informazzjoni personali jew finanzjarja, passwords, PINs, numri tal-kards jew stampi bid-dettalji tal-kard tiegħek.

## 12 Terminazzjoni min-naħa tal-Bank jew tal-Klijent

Mingħajr preġudizzju għal dak li ġie stipulat fil-klawżoli msemmija hawn fuq kif ukoll fi kwalunkwe ftehim speċifiku ieħor li inti tkun dħalt fih magħna, aħna nirriservaw id-dritt, fi kwalunkwe ħin, li ma nkomplux kompletament jew parzjalment ir-relazzjoni kummerċjali miegħek, b'mod unilaterali u b'mod *bona fide*, f'każijiet fejn ikun hemm raġunijiet legalment validi, primarjament relatati ma' attentat ta' twettiq jew twettiq jew suspett ta' twettiq ta' ħasil ta' flus u/jew ta' finanzjament ta' terroriżmu u/jew kwalunkwe reat kriminali ieħor.

## 13 Separazzjoni

Kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet hija separata mill-oħrajn, u jekk f'xi ħin xi waħda jew aktar minn dawn id-dispożizzjonijiet, li ma tkunx ta' natura fundamentali, hija jew issir illegali, invalida jew mhux infurzabbli, il-validità, il-legalità u l-infurzabbiltà tad-dispożizzjonijiet li jifdal ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet m'għandhom bl-ebda mod jiġu affettwati jew imfixkla.

## 14 Rinunzja

L-ebda żmien jew indulġenza li nistgħu nagħtuk u l-ebda rinunzja minna ta' xi ksur minnek ta' xi dispożizzjoni ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet m'għandu jaffettwa d-drittijiet u s-setgħat tagħna hawn taħt.

## 15 Ilmenti

Ilment jista' jitressaq jew bil-Malti jew bl-Ingliż. Kwalunkwe ilment dwar il-prodott jew is-servizz għandu idealment l-ewwel jiġi diskuss ma' uffiċjal tal-Fergħa/Dipartiment fejn saret it-tranżazzjoni jew fejn jinsab il-Kont.
Jekk ir-rispons ma jkunx sodisfaċenti, tista':

a. tikkuntattja liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-Bank fuq 2131 2020; jew
b. tikteb lill-Manager, Customer Resolutions Unit,Bank of Valletta p.l.c.,BOV Centre, Triq il-Kanun, Zone 4, Central Business District, Santa Venera CBD 4060 – Malta; jew
c. timla formola tal-ilment tal-Bank disponibbli f'format elettroniku fuq il-website tagħna – www.bov.com

permezz ta' 'Get in Touch'.

Jekk tkun għadek mhux sodisfatt bit-tweġiba tal-Bank jew ma ntlaħaqx ftehim mal-Bank, inti tista' tirreferi l-kwistjoni bil-miktub:

a. lill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji jekk tikklassifika bħala klijent eliġibbli: L-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, Triq Ġdida fi Triq Reġjonali, L-Imsida, MSD 1920, Malta. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz tas-sit web uffiċjali: www.financialarbiter.org.mt; Freephone (telefonati lokali): 8007 2366 u Telefown: 2124 9245; jew
b. il-Bank Ċentrali ta' Malta jekk tikklassifika bħala klijent mhux eliġibbli.

## 16 Skema ta' Kumpens lid-Depożitant

Skont ir-Regolamenti Dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant (Avviż Legali 385 tal-2015) (ir-"Regolamenti"), li jistgħu jiġu emendati minn żmien għal żmien, il-Bank huwa obbligat li jipparteċipa fi, u jikkontribwixxi għal, l-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant (l-"Iskema ta' Kumpens"') imwaqqfa skont ir-Regolamenti. Fejn tissodisfa d-definizzjoni ta' "depożitant" skont ir-Regolamenti, inti tista' tagħmel talba taħt l-Iskema ta' Kumpens skont ir-Regolamenti. L-Iskema ta' Kumpens għandha tipprovdi għall-ħlas ta' kumpens fir-rigward ta' pretensjonijiet li jirriżultaw mill-inkapaċità tal-Bank li jissodisfa l-obbligi tiegħu lejn id-depożitanti.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn fuq:

a. www.compensationschemes.org.mt;
b. billi tikkuntattja lill-Iskema ta' Kumpens lid-Depożitant: c/o L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta,<br>Triq l-Imdina, Zone 1,<br>Central Business District, Birkirkara,<br>CBD 1010, Malta;<br>Tel: 2144 1155;<br>E-mail: dcs_ics@compensationschemes.org.mt;
c. permezz tal-fuljett informattiv li tista' tarah ukoll fuq www.bov.com;
d. minn kwalunkwe fergħa tal-BOV;
e. billi ċċempel liċ-Ċentru għas-Servizz tal-Klijenti tal-BOV fuq (356) 2131 2020.

## 17 Regolamenti dwar *Distance Selling*

Ir-Regolamenti tal-2005 dwar Distance Selling (Retail Financial Services) maħruġa bl-Avviż Legali 36 tal-2005, kif emendat sussegwentement, japplikaw għalik biss jekk tkun qed tittratta jew tkun trattajt mal-Bank mill-bogħod, eż., minn fuq l-internet, permezz tal-Mezzi, bl-email, bit-telefown, bil-posta u b'mezzi oħra mhux wiċċ imb wiċċ. Dawn ir-Regolamenti huma applikabbli biss għall-konsumaturi, jiġifieri, klijenti li l-prodott jew is-servizz tagħhom huwa ta' natura personali, u mhux kummerċjali.

Fejn l-aspetti kollha tal-proċess tal-applikazzjoni tal-prodott/tas-servizz ikunu saru 'l bogħod mil-lok tan-negozju tal-Bank, inti tista' tikkanċella l-ftehim tiegħek fi żmien erbatax-il (14) jum mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għall-prodott finanzjarju / tkun irċevejt il-prodott finanzjarju. Dan id-dritt li tikkanċella MHUWIEX AWTOMATIKU u ma japplikax għall-prodotti u s-servizzi finanzjarji kollha. Biex id-dritt tiegħek li tikkanċella jkun effettiv, inti għandek tikteb jew twassal ittra lill-Bank indirizzata lill-fergħa tiegħek u din trid tasal qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi hawn fuq.

Jekk teżerċita dan id-dritt trid, fi żmien tletin (30) jum mill-avviż tal-kanċellazzjoni tiegħek, tħallas lura kwalunkwe somma pendenti u tirritorna kwalunkwe ktieb taċ-ċekkijiet jew kard li setgħu nħarġu lilek. Jekk ma teżerċitax dan id-dritt li tikkanċella, il-Bank se jassumi li inti taqbel li tkompli tintrabat bit-Termini u Kundizzjonijiet tal-ftehim.

## Għajnuna

Jekk teħtieġ aktar għajnuna dwar dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, jekk jogħġbok ibgħatilna email fuq customercare@bov.com jew ċemplilna fuq (356) 2131 2020.

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA u hija liċenzjata biex toffri servizzi bankarji skont it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).